# FIL-QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 29 t'April 2022**

**Att t'Akkuża numru 3/2014 fl-ismijiet:**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Bernice CAMILLERI**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' Akkuza bin-numru 3/2014 miġjub kontra Ommisis, Ommisis u **Bernice Camilleri**, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 353789M fejn ġiet akkużata:

**L-EWWEL KAP**

Illi fit-tmienja (8) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tas-sebgħa u kwart (7:15) ta' filgħaxija l-pulizija rċevew rapport mingħand James Buhagiar dwar mara anzjana mitluqa ma l-art u mitlufa minn sensieha quddiem Nelson Apartments sitwat f'Dingli Circus ġewwa tas-Sliema. Kif il-pulizija u l-ambulanza wasslu fuq il-post sabiex din il-persuna tingħata l-assistenza, irriżulta li kienet mara anzjana senjatament Rosina Garrone ta tmenin sena (80) li instabet mixħuta mal-art, bid-demm ħiereġ minn rasha u mitlufa minn sensieha biċ-ċinga tal-basket tagħha f'idejha u li wara li ġiet meħuda l-isptar irriżultat illi kienet fil-perikolu imminenti li titlef ħajjitha. Irriżulta ukoll minn investigazzjonijiet li saru dwar dan l-akkudut li dakinar stess tat-tmienja (8) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010),

il-vittma in kwistjoni kienet ġiet misruqa bil-vjolenza minn tlett persuni li kienu qed isuqu vettura tal-għamla Fiat Uno ta' lewn skur, fejn fosthom kien hemm Charlie Brincat u Richard Attard, qua ko-akkużat f'dawn il-proċeduri.

Illi minn investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta illi dakinhar tal-inċident u senjatament ftit ħin qabel il-ko-akkużati Charlie Brincat, Richard Attard kif ukoll persuna oħra kienu ltaqaw fejn waqt l-inkontru tagħhom kienu ftehmu bejniethom li jisirqu basket sabiex jaġġevolaw il-għada finanzjarja tagħhom u biex ikunu jistgħu jiffinanzjaw il-vizzju tagħhom tad-droga. In eżekużżjoni ta' dan il-pjan miftiehem bejniethom, għall-ħabta tas-sebgħa nieqes kwart ta' filgħaxija (18:45hrs), waqt li l-anzjana Rosina Garrone kienet fl-inħawi tad-Dingli Circus ġewwa tas-Sliema, il-ko-awtur Charlie Brincat bil-konsapevolezza tal-ko-awtur Richard Attard u l-persuna 'l oħra, aggredixxa lill-vittma billi ħatfilha l-basket tagħha bil-għan li jisraq l-basket u l-kontenut tiegħu filwaqt li l-ko-awturi l-oħra inkluż l-imsemmi Richard Attard, kienu qedgħin jistennew lil Charlie Brincat f'karozza fl-akwati ta' fejn seħħ id-dellitt tal-għamla Fiat Uno u bin-numru ta' reġistrazzjoni BAD189. Jidher li l-vittma Garrone rreżistiet għal din l-aggressjoni tant li l-ko-awtur Brincat intenzjonalment uża forza fisika fil-konfront tagħha sabiex joħdilha l-basket u filfatt imbotta bis-saħħa sabiex jasal għall-għan tiegħu kif miftiehem mal-ko-awturi l-oħra, tant li Garrone waqgħet mal-art u ntilfet minn sensieha. Irriżulta li hi filfatt subiet feriti gravissimi senjatament frattura fil-*pelvis*, frattura tal-għadma t-twila tas-sieq kif ukoll *subdural heamatoma* f'moħħha kompatibbli ma *blunt trauma* fejn kienet ġiet iċċertifikata li kienet fil-perikolu tal-mewt kaġun ta' dawn il-ġrieħi li subiet mill-aggressjoni magħmula kontriha mill-ko-akkużati msemmija u filfatt Garrone kellha anki tiġi operata. Sfortunatament dawn il-ġrieħi tant kienu gravi li ftit ġranet wara dan is-serq aggravat u ċioe` preċiżament fl-erbatax (14) ta' Diċembru tal-istess sena elfejn u għaxra (2010) il-vittma Garrone ma felħitx iktar għal gravita' ta' dawn il-feriti kkaġunati u ċirkostanzjalment u minħabba fihom, tilfet ħajjitha. Jidher ukoll li l-ko-akkużati msemmija u l-persuna oħra qua ko-awturi kienu anki ppjanaw li jisirqu l-fond tal-vittma Garrone wara li fil-basket tagħha kienu sabu ċ-ċwievet tar-residenża tagħha kif ukoll il-karta tal-identita' tagħha bid-dettalji dwar l-indirizz tagħha, apparti xi flus, iżda dan il-pjan ma ġiex eżegwit da parti tagħhom.

Illi b'għemilhom l-imsemmija ko-akkużati Omissis u Omissis saru ħatja ta' serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx) u bil-vjolenza (numerika, offiża gravi) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin u in oltre meta l-offiża gravi fuq il-persuna tal-vittma Rosina Garrone kkawżat il-mewt ta' l-istess u dan minħabba fin-natura jew fil-konsegwenzi naturali tal-offiża u mhux għal xi kawża aċċidentali wara, u dan fi żmien erbgħin ġurnata (40) li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija Omissis u Omissis reċidivi f'delitt, ħatja ta' serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx) u bil-vjolenza (numerika, offiża gravi) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin u in oltre meta l-offiża gravi fuq il-persuna tal-vittma Rosina Garrone kkawżat il-mewt ta' l-istess u dan minħabba fin-natura jew fil-konsegwenzi naturali tal-offiża u mhux għal xi kawża aċċidentali wara, u dan fi żmien erbgħin ġurnata (40) li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija mhux inqas minn tmien snin (8) u mhux iktar minn tletin sena (30) biż-żieda tal-piena ta' rekluzjoni għal mhux aktar minn tnax il-perijodu kull wieħed skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(f), 262(1)(a)(b)(2), 270, 272A(1)(a)(i), 274(a), 276, 276A, 277(a), 281(a), 49, 50, 289, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

## IT-TIENI KAP

Illi fiċ-ċirkostanzi formanti l-mertu tal-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` nhar it-tmienja (8) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tas-sebgħa nieqes kwart ta' filgħaxija (18:45) ġewwa tas-Sliema, irriżulta li kien hemm ukoll persuna oħra fil-kumpanija ta' Charlie Brincat u Richard Attard li mill-istħarriġ ġiet identifikata bħala Bernice Camilleri qua ko-akkużata f'dawn l-istess proceduri. Irriżulta li Camilleri kienet konsapevoli u xjentement u volontarjament ko-parteċipi fl-inċident formanti l-mertu tal-ewwel Kap ta' din l-att tal-akkuża liema reat ta' serq vjolenti kkaġuna l-mewt tal-anzjana Rosina Garrone kif debitmant deskritt fid-dettalji kollha fl-istess kap indikat u fl-istadji kollha tal-attivazzjoni tagħha.

Illi b'għemilha Bernice Camilleri saret ħatja ta'serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx) u bil-vjolenza (numerika, offiża gravi) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin u in oltre meta l-offiża gravi fuq il-persuna tal-vittma Rosina Garrone kkawżat il-mewt ta' l-istess u dan minħabba fin-natura jew fil-konsegwenzi naturali tal-offiża u mhux għal xi kawża aċċidentali wara, u dan fi żmien erbgħin ġurnata (40) li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lil Bernice Camilleri, ħatja ta' serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx) u bil-vjolenza (numerika, offiża gravi) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin u in oltre meta l-offiża gravi fuq il-persuna tal-vittma Rosina Garrone kkawżat il-mewt ta' l-istess u dan minħabba fin-natura jew fil-konsegwenzi naturali tal-offiża u mhux għal xi kawża aċċidentali wara, u dan fi żmien erbgħin ġurnata (40) li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt;; jitlob li jingħamel skond il-

liġi kontra l-imsemmija akkużata illi hija tiġi kkundannata għall-piena ta' priġunerija għal mhux inqas minn tmien snin (8) u mhux iktar minn tlettin (30) sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(f), 262(1)(a)(b)(2), 270, 272A(1)(a)(i), 274(a), 276, 276A, 277(a), 281(a), 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużata.

**IT-TIELET KAP**

Illi in segwitu għaċ-ċirkostanzi li seħħew kif deskritti fl-ewwel Kapi ta' din l-att tal-akkuża u ċioe' nhar it-tmienja (8) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) ġewwa tas-Sliema, l-ko-akkużati Brincat u Attard flimkien ma terza persuna ukoll akkużata f'dawn l-istess proceduri pproċedew sabiex jeżegwixxu serqa oħra minn mara anzjana oħra ta' tmienja u tmenin sena (88) li fil-mument ta' dan ir-reat kienet fi Triq Manwel Dimech ġewwa tas-Sliema flimkien man-neputijiet tagħha, li f'dak il-waqt kienu qedgħin jassistuha biex taqsam it-triq. Filfatt irriżulta illi għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8:15pm) dakinhar tat-8 ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) waqt li Maria Cassar (l-vittma ta' din is-serqa) kienet qed tistenna biex taqsam, avviċinata persuna maskili li kien qed jagħti wiċċu billi tella l-ġlekk li kien liebes dak il-ħin fuq rasu u fil-pront dan l-individwu ħatfilha l-basket minn spallejha fejn is-Sinjura Cassar kellha l-effetti personali tagħha fosthom ċ-ċwievet u t-telefon ċellulari tagħha tal-għamla Nokia. Effettivament il-vittma ġiet imweġġa fi spallitha minħabba din l-aggressjoni fil-konfront tagħha apparti li ħadet qatgħa kbira b'li kienet subiet. Wara din l-aggressjoni l-ħalliel telaq jiġri fid-direzzjoni ta' Triq Santa Marija li jinstab kantuniera l-bogħod minn Triq Manwel Dimech u filfatt allavolja ġie segwit minn waħda minn neputijiet tas-sinjura Cassar (Antoinette Fava) il-ħalliel irnexxielu jaħrab.

Illi meta l-ko-akkużati Brincat u Attard ġew mitkellma kkonfermaw li filfatt wara li kienu marru jixtru d-droga mill-Cottonera bil-flus li kienu serqu mis-sinjura Garrone ftit tal-ħin qabel u kif ġie spjegat fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-akkuża, kienu rritornaw lura tas-Sliema fil-kumpanija ta persuna oħra qua ko-akkużata f'dawn l-istess proċeduri u lkoll ko-awturi, fejn ftiehmu li jeżegwixxu s-serqa kontra l-persuna ta' Maria Cassar u b'hekk ikkonfermaw l-involivment tagħhom fil-fatti kif hawn fuq ipprospettati.

Illi b'għemilhom l-imsemmija ko-akkużati Omissis u Omissis saru ħatja ta' serq ta' diversi oġġetti fosthom telefon ċellulari tal-għamla Nokia, liema serqa hija aggravata bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx) u bil-vjolenza (numerika, offiża ħafifa) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin (Maria Cassar);

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija Omissis u Omissis reċidivi f'delitt, ħatja ta' serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx) u bil-vjolenza (numerika, offiża ħafifa) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin (Maria Cassar); jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati

u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija mhux inqas minn sentejn (2) u mhux iktar minn tletin sena (30) liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(f), 262(1)(a)(b)(2), 270, 274(c), 276A, 277(a), 281(a), 49, 50, 289, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

## IR-RABA' KAP

Illi fiċ-ċirkostanzi formanti l-mertu ta' din l-Att tal-Akkuża, partikolarment b'referenza għat-tielet kap ta' din l-Att tal-akkuża u ċioe` nhar it-tmienja (8) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tat-tmienja u kwart (8:15pm) ta' filgħaxija ġewwa tas-Sliema, irriżulta li kien hemm ukoll persuna oħra fil-kumpanija ta' Charlie Brincat u Richard Attard li mill-istħarriġ ġiet identifikata bħala Bernice Camilleri qua ko-akkużata f'dawn l-istess proceduri. Irriżulta li Camilleri kienet ukoll konsapevoli u xjentement u volontarjament ko-parteċipi fl-inċident formanti l-mertu tat-tielet Kap ta' din l-att tal-akkuża liema reat ta' serq vjolenti sar kontra l-persuna tal-mara anzjana Maria Cassar kif debitmant deskritt fid-dettalji kollha fl-istess kap indikat u fl-istadji kollha tal-attivazzjoni tagħha.

Illi b'għemilha Bernice Camilleri saret ħatja ta'serq ta' diversi oġġetti fosthom telefon ċellulari, liema serqa hija aggravata bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx) u bil-vjolenza (numerika, offiża ħafifa) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin sena (il-vittma Maria Cassar);

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lil Bernice Camilleri, ħatja ta' serq ta' diversi oġġetti fosthom telefon ċellulari, liema serqa hija aggravata bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx) u bil-vjolenza (numerika, offiża ħafifa) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin sena (il-vittma Maria Cassar); jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużata illi hija tiġi kkundannata għall-piena ta' priġunerija għal mhux inqas minn sentejn (2) u mhux iktar minn tnax -il sena (12) liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(f), 262(1)(a)(b)(2), 270, 274(c), 276A, 277(a), 281(a), 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużata.

## IL-ĦAMES KAP

Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża,u ċioe` nhar it-tmienja (8) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa u kwart (7:15pm) u t-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8:15pm), wara s-serqa li ġiet kommessa fuq il-persuna u l-propjeta` tas-sinjura Garrone li sfortunatament mietet ftit ġranet wara kaġun tal-feriti sofferti waqt aggressjoni li subiet fil-kors tas-serqa fil-konfront tagħha mill-akkużati f'din il-proċedura, u qabel is-serqa bi vjolenza li ġiet kommessa kontra l-persuna u l-propjeta ta' mara anzjana

oħra Maria Cassar kif deskritt fit-tielet kap ta' din l-att tal-akkuża, irriżulta li l-ko-akkużati Brincat u Attard flimkien ma terza persuna wkoll ko-akkużata f'dawn il-proċeduri u lkoll ko-awturi, marru l-Cottonera sabiex jixtru u jagħmlu użu mid-droga kokajina u dan permezz tal-flus li kienu għadhom kif serqu mingħand is-Sinjura Garrone.
Effettivament is-serqiet kommessi kienu intenzjonati bil-għan li l-ko-akkuzati Brincat u Attard flimkien ma terza persuna ukoll ko-akkużata u ilkoll ko-awturi f'dawn il-proċeduri, jaġġevolaw il-għada finanzjarja tagħhom biex ikunu jistgħu jiffinanzjaw il-vizzju tagħhom tad-droga. Filfatt meta l-ko-akkużati Brincat u Attard ġew mitkellma mill-pulizija kkonfermaw li kienu xtraw id-droga kokajina mill-inħawi tal-Bormla jew Cottonera sabiex jabbużaw minnha, qabel ma kkomettew it-tieni serqa kontra Maria Cassar li seħħet bl-istess intendiment tal-ewwel serqa. Id-droga kokajina hija sustanza perikoluża u illegali taħt il-liġi tagħna u x-xiri, l-pussess u l-użu tiegħu huwa llegali f'pajjiżna.

L-akkużati Brincat u Attard ma' kienux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenżja maħruġa mill-Liġi li tippermettilhom ikollhom fil-pussess tagħhom din is-sustanża perikoluża.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilhom Omissis u Omissis, saru ħatja talli, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga kokajina meta ma kienux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienux bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżatili jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienux awtoriżżati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga ma' ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Omissis u Omissis, reċidivi f'delitt, ħatja talli, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga kokajina meta ma kienux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienux bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienux awtoriżżati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga ma' ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' mhux inqas minn tnax-il xahar (12)

iżda mhux iżjed minn tnax –il sena (12) u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**IS-SITT U L-AĦĦAR KAP**

Illi b'referenza għall-fatti u għaċ-ċirkostanzi formanti l-mertu tal-Kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, partikolarment il-ħames kap ta' din l-Att tal-akkuża u ċioe` nhar it-tmienja (8) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta bejn is-sebgħa u kwart (7:15pm) u t-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8:15pm), irriżulta li Bernice Camilleri ukoll ko-akkużata f'dawn il-proċeduri kienet ukoll fil-kumpanija ta' Charlie Brincat u Richard Attard meta dawn marru jixtru d-droga kokajina li hija sustanza illegali u perikoluza skond il-liġijiet ta' pajjiżna. Irriżulta li Camilleri kienet ukoll konsapevoli u xjentement u volontarjament ko-parteċipi fix-xiri bil-flus misruqa mis-Sinjura Garrone tas-sustanza msemmija u għaldaqstant kienet fil-pussess tas-sustanza kokajina flimkien mal-ko-akkużati Brincat u Attard għal xi ħin qabel ma ġiet kommessa t-tieni serqa kontra l-persuna u l-propjeta` ta' Maria Cassar kif deskritt fit-tielet u fir-raba' kapi ta' din l-Att tal-Akkuża.

Illi anki f'dan il-każ Bernice Camilleri ma kienitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni jew liċenżja maħruġa mill-Liġi li tippermettilha jkollha fil-pussess tagħha din is-sustanża perikoluża.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilha Bernice Camilleri, saret ħatja talli, kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienitx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni id-droga msemmija, u ma kienitx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienitx awtorizzata bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija Bernice Camilleri, ħatja talli, kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi,

u meta ma kienitx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżata li timmanifattura jew tforni id-droga msemmija, u ma kienitx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienitx awtoriżżata bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużata u illi hija tiġi kkundannata għall-piena ta' mhux inqas minn tnax -il xahar (12) iżda mhux iżjed minn għaxar snin (10) u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija ko-akkużata.

Rat illi permezz ta' nota datata 14 ta' Marzu 2022 l-akkużata infurmat lil Qorti li hija kienet għażlet li l-Ġuri ma jkunx magħżul għall-kawża tagħha;

Rat illi f'dan il-każ, l-akkużata hija mixlija bir-reati imsemmija fit-tieni, raba' u sitt kapi tal-att t'akkuża;

Semgħet ix-xhieda kollha imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet ix-xiehda tal-akkużata;

Rat id-dokumenti eżebiti fil-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat il-verbal magħmul konġuntement mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża fejn, minħabba l-fatt li dan il-każ qiegħed jiġi deċiż minn din il-Qorti mingħajr il-ġurija popolari, qablu li din il-Qorti għandha qabel xejn tipproċedi billi tħaddem kemm jista' jkun il-proċedura applikabbli skont il-Kodiċi Kriminali relattivament għall-konduzzjoni ta' kawża quddiem il-

Qorti Kriminali fejn ikun l-Imħallef togat li jiddelibera u jiddeċiedi dwar il-fatti tal-każ u l-eventwali sentenza b'mod li dan il-proċess għandu jsegwi l-kors dupliċi billi l-ewwel il-Qorti tiddelibera u tasal għall-verdett tagħha dwar il-ħtija o meno tal-akkużata relattivament għall-kapi tal-akkuża miġjuba kontra tagħha biex imbagħad ikun biss sussegwentement għall-xi forma ta' sejbien ta' ħtija o meno li l-Qorti tkun tista' tgħaddi għas-sentenza skont l-artikoli 490, 491 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Motivazzjonijiet tal-Qorti rigward il-verdett għat-tieni, raba' u s-sitt kap t'akkużi</u>**

1. Il-Qorti għarblet il-provi prodotti in bażi għar-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali.

2. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

   > id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

3. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut,

huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[1] Iġifieri din il-Qorti tista' tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

4. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[2]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

5. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li għandha din il-Qrati hija li tiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur, meta jkun legalment u fattwalment possibbli li l-Qorti tiddetermina li jkun hemm l-estremi ta' sperġur jew ġurament falz skont il-każ. Il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li taqra fl-imħuħ tan-nies. Il-Qorti tippruva tifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemha biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qorti trid tistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemha – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

6. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Din il-Qorti dejjem straħet fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ

---

[1] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[2] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

7. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

8. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[3] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

9. Fil-każ Ingliż **Majid**,[4] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

10. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[5] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the

---

[3] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[4] ibid.
[5] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

> prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

11. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **<u>tas-sikurezza</u>**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

12. U huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

13. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-"best evidence rule", ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

14. Illi f’dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-“**hearsay**” u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta’ Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-“**hearsay evidence**”, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta’ Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta’ xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista’ jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista’, ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista’ ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista’, skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista’ jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort’oħra, l-aktar f’każijiet ta’ twelid, ta’ żwieġ, ta’ mewt, ta’ assenza, ta’ servitù, ta’ rjieħ ta’immobbli, ta’ pussess, ta’ drawwiet, ta’ ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta’reputazzjoni jew ta’ fama, ta’ kliem jew fatti ta’ nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta’ fatti oħra ta’ interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

15. Fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Janis Caruana** tal-14 ta’ Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano, il-kwistjoni tal-“**hearsay evidence**” kienet ġiet indirizzata b’dan il-mod:

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta’ dan l-artikolu jgħid hekk:
>
> ‘599. Il-qorti tista’, skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista’ jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort’oħra,’

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

16. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:

'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

17. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-"**hearsay evidence**" ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

18. Fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

19. Dan jingħad għaliex din il-Qorti ġiet konfrontata b'verżjonijiet differenti f'uħud mill-aspetti l-iżjed importanti dwar dan il-każ; iżda fl-istess waqt kien hemm punti diversi li xiehda differenti qablu dwarhom. Il-Qorti hija kostretta li tistħarreġ sewwasew lil min temmen u fiex u safejn tista' temnu. Dan qiegħed jingħad b'mod partikolari fir-rigward tax-xiehda tat-tliet xhieda prinċipali f'dan il-każ: Chalie Brincat, Richard Attard u l-akkużata innifisha in kwantu t-tlieta li huma, evidentement, kellhom l-interessi tagħhom li jixhdu bil-mod kif xehdu f'dan il-każ. Minbarra dan il-partijiet għamlu riferenza mhux biss għax-xiehda ta' Chalie Brincat u Richard Attard mogħtija quddiem din il-Qorti, iżda rreferew ukoll għax-xiehda tagħhom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif ukoll għal siltiet mill-istqarrijiet meħuda mill-Pulizija Eżekuttiva. Kwantu għall-akkużata, din iddeponiet quddiem din il-Qorti. Ebda riferenza għal dak li stqarret mal-Pulizija, kemm bil-fomm kemm miktuba ma tħalliet mill-Qorti li ssir riferenza għaliha b'rispett u in osservanza

lejn dak deċiż fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-12 ta' Marzu 2020. Naturalment din il-Qorti ma ħadetx konjizzjoni ta' tali stqarrijiet.

20. Din il-Qorti taqbel li l-pern ta' dan il-każ jistrieħ fuq ix-xiehda ta' dawn it-tliet xhieda – Chalie Brincat, Richard Attard u Bernice CAMILLERI, bil-kumplament tax-xiehda joffru xi forma ta' korroborazzjoni jew oħra ta' dak mistqarr minn dawn ix-xiehda. Ix-xiehda tagħhom u kull deposizzjoni oħra li setgħet saret minnhom qegħdin reġistrati fl-atti tal-kawża filwaqt li dak depost matul il-kors ta' din il-kawża quddiem dil-Qorti kif presjeduta ġew reġistrati.

21. Din il-Qorti semgħet attentement is-sottomissjonijiet tad-Difiża u tal-Prosekuzzjoni li, in suċċint kienu s-segwenti :

22. Id-Difiża bdiet l-arringa tagħha fir-rigward tas-Sitt Kap tal-Att tal-akkuża fejn sollevat żewġ punti ta' dritt li huma :

(a) li l-akkużata ma tistax tinsab ħatja ta' dan il-kap in kwantu din il-Qorti ma għandhiex setgħa din il-Qorti li tiddeċidieh. A fol 8 tal-atti jirriżulta li l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ossija il-"Fiat" maħruġ minnu fis-sensi tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kien li l-proċedura kontra l-akkużata titmexxa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Hija din l-ordni mogħtija mill-Avukat Ġenerali li tiddetermina s-setgħa tal-Qorti li tisma' u tiddeċiedi l-kawża u f'dan il-każ, l-Avukat Ġenerali għażel li jiddetermina lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali bħala dik li kellha s-setgħa tisma' u tiddeċiedi dan il-każ.
(b) Minbarra dan, għalkemm ir-reat imsemmi fis-sitt kap t'akkuża f'dan il-każ, kien jaqa' taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta in-natura tar-reat kontestat illum il-ġurnata huwa regolat ukoll bid-disposizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u li jistabbilixxi li proċeduralment il-meritu tal-każ ta' droga bħal dak in disamina huwa ta' kompetenza tat-Tribunal imwaqqaf taħt dik il-Liġi u mhux il-Qorti Kriminali.

23. Id-Difiża proċediet bl-arringa tagħha billi għażlet li tagħmel sottomissjonijiet komuni għall-meritu kemm fir-rigward tat-tieni kif ukoll għar-raba' kapi tal-att t'akkuża. Tgħid li f'dan il-każ ħareġ ċar li hemm tipi differenti ta' nies li b'mod kollettiv jiffurmaw is-soċjeta.

Kien hemm nies intelliġenti u oħrajn anqas. Kien hemm min għamel sforz biex jiftakar bħax-xhieda Debono u Fava. Iżda kien hemm nies b'aġir ta' "cool" u "playboy" bħal ma kien Richard Attard (iżjed l-isfel indikat bl-ittri "RA") li ftaħar li kellha kemm kellha rġiel f'ħajjitha l-akkużata, xorta waħda miegħu baqgħet. Imbagħad kien hemm nies li kienu konsistenti mit-18/12/2010 sad-data ta' dan il-każ filwaqt li mbagħad kien hemm persuna, li ironikament tgħid id-Difiża, kien uniku bid-don, li mat-trapass taż-żmien jiftakar iżjed.

24. Kien hemm fatti li qablu magħhom u oħrajn li ma qablux. Per eżempju x-xiehda tax-xhud Mark Vassallo li jgħid li bieba ra miftuħa. Iżda kważi tnax il-sena wara, RA jgħid li l-bieba ġiet imbexqa minn Bernice CAMILLERI biex ikun jista' jidħol malajr Chalie Brincat. Id-Difiża tisħaq li ried jitħaddem il-buonsens u allura l-fatt li Vassallo ra karozza tinstaq bil-bieba miftuħa – waħedha ma tifhimiex. Min se jiġġudika jrid jagħrbel din id-deposizzjoni skont l-esperjenza tal-ħajja. Irid jara dak li Vassallo ra meta lemaħ il-vettura. F'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari irid ipoġġi lilu nnifsu fuq l-għatba ta' hotel u jara d-distanza tal-Patricia Hotel u Creche Street skont il-pjanta tal-Perit Aquilina. Li kieku din il-bieba ta' karozza "two door" kienet sokkjuża, f'dak il-franġent, Vassallo setgħa jinduna biha? Dan peress li kieku kienet imbexqa wieħed setgħa jinduna biha biss fil-mument li jkun viċin tal-karozza.

25. Richard Attard ried jimplika li l-bieba kienet imbexqa. Vassallo jagħmel sens u hemm prova li qed jgħid il-verita propju minn dak li qalet Bernice Camilleri. Dan igiddeb dak li qal Richard Attard fix-xiehda tiegħu. Il-pjanta tal-Perit Aquilina turi li l-Fiat Uno kellha tagħmel "a sharp right turn", u hemm liġi tal-fiżika li ma tistax tiġi meruta. Kien hemm vettura li kienet qed tiġi misjuqa b'veloċita għolja u qed tagħmel "sharp right turn". Kieku din il-bieba kienet miftuħa ma' dik il-manuvra dik il-bieba kienet se tinġibed il-ġewwa u tingħalaq. Dan ifisser li sewwa ra Vassallo u b'hekk jikkorrobora lil Bernice Camilleri waqt li jgiddeb lil Richard Attard.

26. Id-Difiża saħqet li dwar il-ġrieħi li sofriet Rose Garrone, ma kienx hemm kontestazzjoni. Il-mewt tagħha ġiet konċessa li kienet huwa konsegwenza tal-ġrieħi subiti minn id Chalie Brincat.

27. L-Avukat Ġenerali fit-tieni Kap akkuża lil Bernice Camilleri bid-definizzjoni tas-serq fis-sensi tal-artikolu 262(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali ossija bil-vjolenza numerika. Il-ħallelin "jippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn" trid tinqara fil-kuntest fil-provi mill-ottika

tal-ħallelin iżda wkoll mill-ottika tal-vitma. Jekk ħalliel ikun armat – dan inissel biża fil-vitma. Meta l-ħallelin jippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn ukoll inissel dan l-element ta' biża fil-vittma għax ikun hemm iżjed minn persuna waħda ma vitma li tista' tkun waħedha. F'dan il-każ Garrone u Cassar ġew affaċċjati b'persuna waħda. Fiż-żewġ serqiet kienet persuna waħda li preżentat ruħha quddiem il-vitmi. Allura ma jistax jitqies li hemm l-estremi tal-elementi tal-vjolenza numerika.

28. F'dan il-każ kien hemm hemm nies li pruvaw ħtijiethom iċeknuha. Oħrajn li ma pruvawx jaħarbu minnha. Kien hemm min b'mod konsistenti mill-istadju tal-investigazzjoni ċerti fatti ma jiftakarhomx u oħrajn, mhux talli jimminimizzaw ħtijiethom iżda jostru lil ħaddieħor bħal ma għamel Richard Attard versu Bernice Camilleri. Richard Attard kien spavald in kwantu prova jċekken ħtijietu b'mod li jilgħaba tal-miskin – li huwa qisu jrid jgħid li ma għamel xejn – u l-anqas handbag wieħed ma kien lest jieħu. Jekk veru dik kienet il-forma mentis tiegħu, jekk dawk l-istruzzjonijiet tahom lil Chalie Brincat, xi ħaġa daqshekk favorih għaliex ma qalhiex lil Pulizija? Din kienet tkun "game changer" għall-każ tiegħu. Iżda tnax il-sena wara ftakar f'dan id-dettal.

29. Richard Attard żbalja l-memorja wkoll f'affarijiet oħra. Richard Attard xehed b'mod li ta impressjoni li kien xi "playboy" u jgħid li sal-ġurnata tal-lum ma kienx irrabjat għal Bernice Camilleri. Iżda għadda żewġ kummenti waqt li kien qed iwieġeb fis-sens li dak kien il-grazzi għal dak li familtu għamlet ma Bernice Camilleri.

30. Jgħid ukoll li anke gwardjani tal-Ħabs qalulu li Bernice Camilleri qalbithielu ma inmate oħra fiż-żmien li kienet residenti fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin. Din l-istqarrija żgur ma kienetx kredibbli għax jekk ġara hekk dak il-gwardjan li qallu dan kien ikun qed jirriskja x-xogħol tiegħu. Dan allura juri li Richard Attard ma jitwemminx f'li qal. Dan għandu "male pride" tali li skontu ġiet imxelfa u mgħawġa meta skontu Bernice Camilleri qalbithielu ma mara.

31. L-artikolu 639(3) tal-Kap 9 titkellem dwar ix-xiehda tal-kompliċi li allura trid tittieħed b'kawtela. F'dan il-kuntest, id-Difiża tikkontendi li din ix-xiehda ta' Richard Attard ma tistax tiġi eskluża minn din ir-regola.

32. Richard Attard, frott l-intelliġenza li mingħalih li għandu, jgħid li ma kellux qalb miġugħa iżda jiftakar dettalji lil tnax il-sena wara, u ma qalhomx lil Pulizija. Dan kellu wkoll lil ommu miegħu preżenti kemm fil-Qorti iżda anke preċedentement fi stadju fejn ingħata l-bail eċċetra. Dan huwa bniedem li għax qatt ma qal dak li qal illum.

33. Inoltre, anke l-Avukat Ġenerali, korrettement fl-att tal-akkuża għaraf li l-awturi tad-delitt kienu Chalie Brincat u Richard Attard għax korrettement xlihom fuq id-dannu li ġarbet Garrone u Cassar f'kapi t'akkuża differenti minn dawk miġjuba kontra l-akkużata. Kieku l-verżjoni ta' Richard Attard f'din il-kawża kienet magħrufa qabel, id-Difiża kienet kważi ċerta li lil Chalie Brincat u Bernice Camilleri kienu jakkużahom bħala l-ko-awturi u jagħti kap għalih lil Richard Attard.

34. Id-Difiża ma fehmitx għaliex l-Avukat Ġenerali jiddikjara lil Bernice Camilleri bħala ko-awtriċi daqs kemm ma tifhimx għaliex l-Avukat Ġenerali ma għamilx riferenza għall-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali. Id-Difiża tistaqsi jekk dan hux kwistjoni ta' ħsieb jew stil. Ma hemmx dubju li l-Avukat Ġenerali għaraf li jemmen x'ġara u bejn min kien il-ftehim u l-modalita tal-ftehim sal-aħħar li l-Avukat Ġenerali korrettement ħass li kellu jkun hemm differenza fil-piena bejn Chalie Brincat u Richard Attard. L-Avukat Ġenerali qed jagħraf li Chalie Brincat kien il-moħħ, l-awtur, il-prinċipal. Jagħraf ukoll li Richard Attard mhux kompliċi iżda ko-awtur mill-bidu sal-aħħar. Richard Attard ma kkontestaħx ir-raġunar tal-Avukat Ġenerali tant li qabel miegħu u aċċetta s-sentenza kontra tiegħu.

35. L-artikolu 633(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali li jitratta l–interess tax-xhud kellu jiġi applikat f'dan il-każ, b'mod partikolari fir-rigward tax-xiehda ta' Richard Attard u Bernice Camilleri f'dak li jirrigwarda r-relazzjoni personali li kellhom bejniethom. Għalkemm mhux espressament imsemmi, dawn għandhom piż in kwantu r-relazzjoni tagħhom kienet ta' natura intima li tagħti wkoll piż lil kuntest li fih ikun seħħ il-każ.

36. Ġaladarba ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-mewt ta' Garrone u li Cassar insterqet ukoll, kien inutli li d-Difiża toqgħod tidħol fuq il-mankanzi tal-Prosekuzzjoni. F'dan il-każ il-Qorti trid tissofferma ruħha fuq tliet xiehda – Richard Attard, Chalie Brincat u Bernice Camilleri.

37. Meta mistoqsi x’sar minnha l-Fiat Uno, Richard Attard jgħid li l-anqas rikors ma għamel għaliha u għalih kien kapitolu magħluq. Richard Attard kien il-ħażen kollu u għandu raġun li ma għamilx rikors għax a fol 507, b’verbal 31 ta’ Jannar 2013 hemm dikjarazzjoni mill-Prosekutur Chris Pullicino li vverbalizza u jirriżulta li l-vettura kienet ġiet rilaxxata lill-missier Richard Attard, minkejja t-talba fir-rekwiżit (b) a fol 505 fejn intalbet li ssir eżibizzjoni tal-vettura f’dan il-każ bħala l-corpus delicti. L-Uffiċjal Prosekutur dak iż-żmien qal li l-vettura ġiet rilaxxjata lil missier l-imputat. Din tawhielu mal-ħaġra t-tajn. Il-Prosekutur jgħid li saru l-eżamijiet forensiċi kollha u li ma kienx hemm raġuni għaliex tkompli tiġi priżervata. Din turik il-furbizja ta’ Attard. Ma għamilx rikors, veru, iżda ma jistax ibella’ r-ross bil-labra għax ir-rikors ma għamlux sempliċiment għax il-vettura ħadha xorta waħda.

38. Richard Attard jgħid li Bernice Camilleri, wara s-serqa ta’ Garrone, kienet ippuntat lejn xi mara oħra biex tiġi misruqa. Iżda dan mhux minnu. Jgħid li kienu l-għassa ta’ Ħaż-Żabbar għax Bernice Camilleri serqet il-laptop. Iżda huwa kien magħha meta nsteraq dan il-laptop. Din ma jgħidhiex. Kull parti li jgħid trid tittieħed b’kawtela. Dan irid jiġi mgħarbel ukoll dwar punti ta’ korroborazzjoni.

39. Chalie Brincat jgħid li wara li seraq lil Garrone telaq jiġri u ma sabx lil Richard Attard u ħaseb li telqu lil hemm. Meta daħal fil-karozza jispjega kif sab lil Bernice Camilleri. Fuq dawn il-punti ta’ Chalie Brincat u fuq id-distanza jaqbel miegħu Richard Attard. Bernice Camilleri pero tispjega x’ġara. Chalie Brincat kixef lilu nnifsu. Iżda l-ispettur Xuereb tgħid li ftakret qisu l-bieraħ id-diskors li ntqal minn Richard Attard lil Chalie Brincat tant li l-Ispettura ħasset għal Chalie Brincat meta huwa ġie aggredit verbalment minn Richard Attard għax kien kixfu, u dan peress li dak mhux aġir wara li Chalie Brincat il-kuxjenza ma tagħtux. X’raġuni jista’ jkollu Chalie Brincat biex ma jgħidx il-verita?

40. Chalie Brincat jgħid ukoll li kien hemm argument fil-karozza qabel ma seħħet is-serqa ta’ Garrone – ara s-silta a fol 391 sa 394 tal-atti. Chalie Brincat jispjega x’sab fil-karozza wara li seraq lil Garrone. Dan jaqbel ma dak li qalet Bernice Camilleri li spjegat minn dak li għaddiet u minn xiex kienet tgħaddi u b’liema mod ta’ ħajja kienet qed tgħix. Matul l-erba’ siegħat li għamlet tixhed, kien biss lejn l-aħħar tax-xiehda tagħha li wriet sinjali ta’ għejja.

41. Tul il-kontro-eżami saru mistoqsijiet varji dwar jekk għamlitx rapporti. Biss vitmi ta' vjolenza domestika jdumu u jbagħtu biex jirrapurtaw episodji ta' vjolenza domestika. Dawn il-vittmi ma jagħmlux rapporti mal-ewwel. Kien hemm diversi straġijiet ta' persuni li jbagħtu sakemm jaslu fil-punt biex jirrapurtaw. Mill-mument tar-ratifika tal-Istanbul Convention, jekk ikun hemm każ ta' vjolenza domestika u persuna li taf bih ma tirrapurtax, irid hu jiġġustifika ruħu għaliex ma rrapurtax. Hemm vitma ta' "honey trap". Il-maġġor parti tal-vitmi tal-vjolenza domestika huma nisa. Fil-preamboli tagħha l-Istanbul Convention tgħid li l-CoE għaddew dak it-trattat biex tiġi miġġielda l-preponderanza tar-raġel fuq il-mara. F'relazzjoni normali jkun hemm parti iżjed b'saħħitha minn ħaddieħor. Iżda fil-każijiet ta' vjolenza domestika jkunu dominanti bi ħdura u b'aġir illegali. U hekk kien ġara f'dan il-każ. Il-fatt li kien hemm theddida li jniffidha kienet illegali aħseb u ara li jżomm sikkina taħt l-imħadda. Dan li qallha biex tmur tipprostitwixxi ruħha biex iġġib il-flus.

42. Richard Attard qal li meta rrilaxxja l-istqarrija tiegħu fl-2010, hu kien ħa ħsieb l-interessi ta' Bernice Camilleri. Iżda ma qalx li Bernice Camilleri tilfet lit-tifla minħabba fih għax pretenda li rabba l-ġust fuqha. Meta huwa kellu 21 sena, għażel li joħroġ ma tifla ta' 13 jew 14 il-sena. Din hija kjarament attitudni ta' predatur. Dan huwa aġir predatorjali. Ta' 21 sena, u jekk veru jħobbha, l-anqas ta ċans biex tiżviluppa. Tista' timmaġina kif u fejn kellu x'jaqsam magħha. Iżda Richard Attard isostni li l-grazzi ta' Bernice Camilleri kien li qalbithielu ma mara oħra. Iżda dan mhux minnu. F'xi żmien Richard Attard kien sar jaf min għen lil Bernice Camilleri biex tikteb l-ittra lil ommha. Inzertat li din li għenietha kienet mara omosesswali. Richard Attard għawwiġha u dawwarha favur tiegħu biex joħroġ tal-miskin.

43. Chalie Brincat qal li Bernice Camilleri waqt li kienu fil-karozza ma qalet xejn. Imbagħad wara kien hemm ir-risposta ta' Richard Attard li Bernice Camilleri kienet qegħda tipponta l-hemm u l-hawn. Richard Attard ma tistax temnu f'kollox.

44. Bernice Camilleri ġiet mistoqsija jekk id-droga ttieħdetx ġewwa Bormla. Iżda hija dejjem hekk saħqet. Richard Attard qal li l-istatements nistgħu ninsewhom għax kien qed jipprova jgħin lil Bernice Camilleri minħabba t-tifla. Iżda jekk verament ried jagħmel dan, setgħa jgiddeb lil Chalie Brincat. Iżda ma għamilx hekk. Meta xehed quddiem il-Maġistrat Montebello, kien ġie mistoqsi fuq ċertu

Jurgen. Richard Attard kien ilu jaħseb u jirrumina kif se jpattihiela lil Bernice Camilleri, hu kien preparat li se jkun affaċċjat bl-istess domandi, iżda illum qal li lil Jurgen kien jafu DDU. Richard Attard qal lil l-flat kien l-Imsida mhux il-Gżira. L-anqas il-lokalita ma kien kapaċi jgħid. Min joqgħod viċin tal-KFC żgur li ma jqisux li joqgħod l-Imsida. Ma hemmx paragun.

45. Richard Attard jgħid li kien Chalie Brincat li xtara d-droga. Iżda Chalie Brincat jgħid li d-droga xtraha Richard Attard.

46. Id-demeanour tax-xhud huwa importanti. Bernice Camilleri xehdet għal erba' siegħat u fit-tul. Richard Attard kien ċar u edukat meta mistoqsi mill-Qorti jew Prosekutur. Hekk kif beda l-kontro-eżami biddel l-atteġġjament. L-attitudni tiegħu lejn l-Avukat Difensur kienet negattiva. Beda b'litanija li ma kienx qiegħed jiftakar. Dik hija l-iżjed tweġiba konvenjenti biex mingħalih ma jinkriminax ruħu bil-ġurament falz. Iżda beda jgħid li ħa l-pilloli iżda l-anqas hemm ma kien konsistenti. Meta imbagħad fl-aħħar domandi tad-Difiża lilu kienu fuq il-manjanimita tal-familja tiegħu ma Bernice, qabel mal-Avukat Difensur. Iżda għall-kumplament tad-domandi wieġeb jew li ma kienx jiftakar, jew kien ostili. Richard Attard kien qed jirreaġixxi għaliex l-Avukat Difensur kien it-targa għal Bernice Camilleri. Richard Attard huwa giddieb fuq dawk il-fatti kollha li ma semmiex qabel.

47. Il-kumplament ta' dak li ntqal miż-żewġ ko-awturi wieħed jasal għall-ikbar kwistjoni. Bernice Camilleri kienet fil-karozza. Jekk għas-saħħa tal-argument f'xi ħin, f'xi żmien kien hemm ftehim, bejn min kien? Ex admissis bejn Richard Attard u Chalie Brincat. Iżda ma min minnhom kien hemm skont dawn il-provi sal-livell taċ-ċertezza morali kien hemm il-qbil ma Bernice Camilleri? Jekk il-Qorti tasal li tgħid li kellha qbil magħhom jew min minnhom, imbagħad il-Qorti trid tara fuq sa fejn kien hemm dak il-qbil? Il-kunċett tal-"meeting of the minds" kien jeħtieġ li jinkludi wkoll il-modalita ta' kif kellhom jitwetqu r-reati. Il-Qorti staqsiet lil Chalie Brincat u lil Richard Attard dwar dan u li juri bl-iżjed mod ċar li ma kienx hemm qbil ma Bernice Camilleri.

48. In pessima ipotezi, jekk kien hemm, it-tweġiba jtiha Richard Attard, fis-sens li jgħid li la hu u la Bernice Camilleri ma riedu jweġġgħu lil ħadd. Chalie Brincat jgħid li huma ma rieduħx iwettaq is-serqa, tant li kien hemm l-argument ta' qabel huwa ħareġ mill-

karozza. Kif wasal fil-karozza wara s-serqa ta' Rose Garrone, Chalie Brincat jgħid li ra li Bernice Camilleri kienet qegħda tibki.

49. Bernice Camilleri tgħid li min jieħu d-droga f'xi ħin jaqa'. Dan huwa verosimili ħafna għax individwi li jieħdu d-droga jiġu kmandati mid-droga. Bernice Camilleri ma tgħidx li Richard Attard qabel mill-ewwel li ssir is-serqa ta' Garrone. Tgħid li għall-bidu Richard Attard ma riedx, iżda kienet il-kilba għad-droga li għelbitu. Fil-fatt mill-fedina penali ta' Richard Attard jirriżulta li hemm numru ta' sejbien ta' ħtija għall-reati in konnessjoni mal-abbuż mill-heroina. Il-heroina tittieħed skont kemm ikollok flus.

50. Is-siringi minn fejn ġew? Bernice Camilleri qalet minn fejn. Min jieħu regolari ma jmurx jixtri imbagħad imur il-policlinic. L-ewwel imorru għas-siringa u imbagħad imorru jfaqqagħuha. Is-siringi huma b'xejn u provduti mill-istat. Dan huwa servizz li huwa open 24/7. L-anqas jieħdu isimhom u kunjomhom. Iżda dawk li jabbużaw mid-droga dejjem ikollhom siringi fuqhom. Għalhekk kien verosimili li Richard Attard kien qiegħed iżomm pouch bis-siringi fih, kif tixhed Bernice Camilleri. Dan huwa msaħħaħ ukoll mill-fatt li Chalie Brincat kien jixrob l-alcohol u kien jieħu l-coke iżda mhux heroina. Chalie Brincat kien qed jgħix Monte Carmeli. Chalie Brincat kien ukoll fil-possibilita li jkollu siringa. Iżda mill-provi ma jirriżultax li marru f'xi policlinic. Richard Attard ma jikkonċedix l-anqas dan.

51. Richard Attard jgħid li la baqgħet hemm magħhom, Bernice Camilleri bil-fors li riedet tagħmel dak li għamlu huma. L-Avukat Ġenerali jgħid li messha telqet u mhux tibqa' komparteċipi. Iżda din it-teorija, abbażi ta' dak li qed jagħti x'tifhem Richard Attard, issib ruħha l-aktar fir-realm tas-self defence fejn l-awturi taljani jiddeskrivu dan il-ħsieb tal-Avukat Ġenerali bħala commodus discessus.

52. Bernice Camilleri tgħid li sabet lilha nnifisha fl-impossibilita li taġixxi b'mod differenti. Tgħid li meta kienet tgħix ma' Richard Attard u l-ġenituri tiegħu kienet tgħix f'ħabs agħar mill-ħabs innifsu. Dan wassalha biex anke talbet lil missier Richard Attard biex jirtira l-bail bond.

53. Bernice Camilleri intilfet wara Richard Attard u ta' 15 il-sena spiċċat maqfula. Kienet saret vitma darbtejn għad-dannu ta'

Richard Attard. Għalkemm Richard Attard ma ġiex akkużat bl-istupru tagħha, xorta waħda kien predatur fil-konfront tagħha.

54. Bernice Camilleri tikkonferma li kienet instabet ħatja ta' pussess sempliċi ta' droga. Meta tqabbel il-fedini penali tagħhom pero tara d-differenza.

55. Meta mbagħad reġa' tfaċċja Richard Attard f'ħajjitha, dan iddominaha. Hi tilfet lil bintha minħabba li l-ġenituri tagħha, fl-aħjar interessi tan-neputija tagħha, kellhom jieħdu l-aktar deċiżjoni diffiċli billi aġixxew kontra binthom fl-aħjar interess tan-neputija. Oħt Bernice Camilleri ma riedetx taf biha tort ta` Ricahrd Attard.

56. Meta waqfu fejn il-pompa tal-petrol huwa minnu li ma kienx hemm distanza kbira sabiex tasal l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar. Iżda x'kien se jiġrilha kieku telqet tiġri? B'Richard Attard li kien ibaltilha, inkluż dakinhar. Il-biża li ħasset dak il-ħin kellha raġun. B'ta fuqha senduqha u ma kellha s-support ta' ħadd ħlief ta' Richard Attard; fejn kienet bla flus, taħt il-kontroll tiegħu tant li saħansitra li wara li bdiet il-kawża u ġiet biex tiffirma l-bail book kien mar magħha missieru biex ikun ċert li tiffirma u li ma tagħtix informazzjoni lil Pulizija. Anke għas-"supervised access" ta' bintha kienu jmorru magħha wkoll il-ġenituri tiegħu. Dan kollu kien għaddej minn moħħ Bernice Camilleri fil-mument li hija ħarġet biex tagħmel l-urina fejn il-pompa tal-petrol Ħaż-Żabbar.

57. Trid tara wkoll x'kienu qed jaħsbu Chalie Brincat u Richard Attard dak il-ħin. Dawn kienu heavy users tant li jieħdu d-droga bil-labra u wara li għamlu serqa. Dawn waqfu biex jagħtu l-petrol. Immaġina kif kien qiegħed jiskatta moħħhom fil-mument li hija telqet tiġri. Dan kien ikun ta' perikolu serju għaliha għax kienu jaħsbu li kienet se tikxifhom. Sa dak il-franġent ta' żmien ma kienux jafu s-serjeta tal-ġrieħi ta' Garrone. Bil-karozza f'idu, Richard Attard kien xorta waħda jasal għal Bernice Camilleri. Bernice Camilleri ma kellhiex ċans. Ma kellhiex fejn u biex tgħix. F'dawn iċ-ċirkostanzi kollha, Richard Attard jgħid li kull ma kellha kien is-support tiegħu u ta familtu. Dawk iċ-ċirkostanzi jikkorroborahom Richard Attard.

58. Richard Attard kien jgħir għaliha u ma jridhiex titkellem.

59. Anke fuq il-ħin u d-dawl fil-ġurnata tar-reat kien gideb Richard Attard. Richard Attard qal li kien qed ibexbex. Imma dan ġie merut

anke mill-MET office. Dan għaliex Richard Attard mhux ta' min jorbot fuqu. Dan huwa xhud pupazz. Hu iddeċieda li jgħaffeġ dan kollu.

60. L-unika ħaġa li jaqblu miegħu hu fuq il-punt li hija ma kellha ebda ftehim magħhom u b'hekk ma tista qatt tinstab ħatja. Ma hemmx fuq xiex tinsab ħatja. Jekk Charlie Brincat u Richard Attard u Bernice Camilleri kienu involuti f'dan il-pjan minkejja li l-aġir kien differenti, kieku l-Avukat Ġenerali ma għarafx din id-differenza bejniethom it-tlieta, għaliex ma għamilx att t'akkuża wieħed? L-Avukat Ġenerali xi ħaġa għaraf u dwar dan ma hemmx dubju. Forsi l-Avukat Ġenerali ħaseb li Bernice Camilleri kienet se tidħol għal patteġġjament biex tkun star witness kontra Richard Attard u Chalie Brincat? Iżda f'dan il-każ ma ġarax hekk. Li kieku l-Avukat Ġenerali matul l-investigazjoni kellu l-poter li għandu illum il-ġurnata, li jkun fiżikament preżenti għall-interrogatorji allura din kienet tkun storja differenti u Bernice Camilleri qatt ma kienet tiġi mixlija.

61. Anke dwar iċ-ċwievet li nsterqu lil Garrone, ġie mgiddeb Richard Attard. Chalie Brincat u Richard Attard ma jaqblux dwar iċ-ċwievet misruqa lil Garrone. Fl-istatement Richard Attard jgħid li żammhom għax Chalie Brincat ried imur jisraq dak il-ħin stess. Iżda kien Richard Attard stess li qal li dan l-istatement ma tistax tistrieħ fuqu. Ix-xiehda tiegħu f'partijiet sostanzjali minnhom hemm il-ġurament falz.

62. Id-Difiża saħqet li wara dawn is-snin kollha Bernice Camilleri kellha tiġi meħlusa mill-akkużi miġjuba kontra tagħha.

63. L-Avukat Ġenerali irreplika billi beda jgħid li niżżilx l-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali fl-akkużi mhux għax din kienet kwistjoni ta' stil iżda r-raġuni kienet għax ma kienx hemm ħtieġa li jitniżżel dan l-artikolu. L-Avukat Ġenerali akkużahom kollha flimkien bħala ko-awturi. Iżda art l-artikolu 467(2) tal-Kodiċi Kriminali kien jagħti s-setgħa lil ġuri li jekk ma tinstabx ħatja bħala ko-awtriċi tista' tinstab ħatja bħala kompliċi.

64. Jgħid ukoll li l-kompliċitia teħtieġ il-"common design". Il-ftehim kien li jsir serq biex jiġi akkwistati flus biex tinxtara d-droga. Irid ikollok id-dħul fis-seħħ ta' dan l-għan. F'dan il-każ l-għan intlaħaq.

65. Dwar il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sollevat b'riferenza għas-sitt kap tal-att t'akkuża il-Prosekutur jgħid li hu minnu li l-Avukat Ġenerali ħareġ il-kunsens biex il-każ tad-droga jinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Iżda wieħed irid jara r-raison d'etre tiegħu. Il-kunsens jiggwida lil Qorti dwar liema piena għandha tingħata jekk hux dik li tista' tingħata mill-Qorti tal-Maġistrati jew hux dik maġġuri li tista' tiġi mogħtija mill-Qorti Kriminali. Bħala Qorti Superjuri, il-Qorti Kriminali għandha setgħa li teroga l-pieni minuri erogabbli mill-Qorti tal-Maġistrati. Ara kieku kienet bil-kontra, mhux possibbli li l-Qorti tal-Maġistrati teroga tali piena u b'hekk ma kienx ikollha s-setgħa in kwantu toħroġ barra mis-setgħa. Dan ma kienx każ ta' nullita, iżda l-Qorti Kriminali kellha tapplika l-piena li setgħet tiġi erogata mill-Qorti tal-Maġistrati kif kontemplati taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

66. Kwantu għall-applikazzjoni tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta – il-pussess sempliċi huwa każ integrali għall-każ in kwantu dak kien interlinked u għalhekk iridu jinstemgħu kontestwalment minn din il-Qorti u mhux mit-Tribunal. B'hekk japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

67. F'dan il-każ il-provi juri li kien hemm il-ftehim bejn Bernice Camilleri u l-kumplament tal-ko-awturi. Mill-provi hemm ċar li kellhom imorru jisirqu l-basket ta' mara biex jixtru d-droga. Il-provi prinċipali f'dan ir-rigward kienu bosta.

68. Richard Attard jgħid li fit-8 ta' Dicembru 2010, hu u Bernice Camilleri għaddew għal-Chalie Brincat bil-karozza tiegħu Fiat Uno "two door" wara li Chalie Brincat ċempel lilu jew lil Bernice Camilleri. Qalilha biex ma jgħaddux għax Chalie Brincat għax kien se jġibhom fit-trouble. Bernice Camilleri qaltlu li la cemplilha ma kienx hemm x'tagħmel. Marru għalih Mount Carmel u wara li telqu bdew jiftehmu t-tlieta li huma li riedu d-droga u jaraw minn fejn se jakkwistaw il-flus biex jixtru l-kokajina. Dan sar qabel ma waqfu lil Chalie Brincat fil-ħanut biex jixtri l-inbid. Ftehmu biex imorru jisirqu nisa bil-handbags biex iġibu l-flus biex ikunu jistgħu jixtru droga. Ftehmu li jisirqu nisa bil-handbags – "snatch and grab". Fil-fatt in-nisa li serqu kienu żewġ nisa ta' l-fuq minn 80 sena. Kollha qablu flimkien u għażlu li jmorru Sliema.

69. In eżekuzzjoni tal-pjan bdew iduru biex jidentifikaw mara li fuqha kellha handbag. Richard Attard waqqaf lil Chalie Brincat u

baqa' jsuq u stennewh iżjed l-isfel. Qabel ma waqfu għamlu xi żmien iħufu Sliema biex jaraw lil min se jsibu. Identifikaw mara anzjana li kienet għaddejja bil-handbag – Ms Garroni – u Richard Attard waqqaf li Chalie Brincat u mar jistennieh flimkien ma Bernice Camilleri fil-karozza iżjed l-isfel. Wara ftit Richard Attard semgħa għajta bħal meta xi ħadd ħadilha xi ħaġa. Bernice Camilleri fetħitlu l-bieba lil Chalie Brincat biex Chalie Brincat jitla lura mingħajr dewmien. Richard Attard jgħid li kienet imbexqa l-bieba. Bernice Camilleri qalet li kienet miftuħa u mbexqa għax Chalie Brincat ma għalaqhiex sew. Pero jista' jagħti l-każ li Chalie Brincat ma għalaqhiex sew il-bieba u f'karozza li kienet miexja il-bieba terġa tingħalaq. Iżda Mark Vassallo jgħidli meta ra l-karozza ddur minn Creche Str għal Howard Street, il-bieba kienet miftuħa u baqa' jiftakarha u minħabba f'hekk baqgħet f'moħħu. Iġifieri l-bieba kienet miftuħa – u dak ix-xi ħadd li fetaħ il-bieba, skont Richard Attard, kienet l-akkużata.

70. Meta daħal lura fil-karozza Chalie Brincat beda jara x'kien hemm fil-handbag. Richard Attard saq l-hemm b'ċerta veloċita u għadda biċċa wrong way. Bernice Camilleri identifikat xi nisa kemm qabel kif ukoll wara s-serqa ta' Garroni. Anke wara dis-serqa iżjed minn darba Bernice Camilleri identifikat nisa oħra. Meta qaltielu wara l-ewwel serqa, Richard Attard għamel għaliha u nfaqa' jidgħi u qallha mhux diġa tlift lit-tifla għaliex riedet titħanżer iżjed iktar milli sar. Dan juri li l-involviment ta' Bernice Camilleri kien altru milli involviment passiv.

71. Meta telqu għaddew il-Marsa u rmew il-handbag hemmhekk. Qal ukoll li fil-handbag kienu sabu xi santi u li Garroni kienet mara twajba u li kienet tgħin ħafna lid-drug addicts. Marru Bormla biex jixtru droga. Din niżel jixtriha Chalie Brincat. Richard Attard u Bernice Camilleri baqgħu fil-karozza. Marru l-Imsida fil-flat fejn kienu jgħixu biex jieħdu droga. Bernice Camilleri sniffjatha; Richard Attard u Chalie Brincat ħaduha bin-needle. Meta lestew riedu jisirqu iżjed. Reġgħu marru Tas-Sliema, qagħdu jħufu ftit, sabu lil Marija Cassar, Chalie Brincat niżel u Richard Attard baqa' jsuq ftit l-isfel. Qagħdu jistennewh u Chalie Brincat ġie jiġri bil-handbag u telqu. Malcolm Ellul Sullivan qal li ma saqx bilmod. Chalie Brincat ra l-kontenut tal-basket u għaddieh lil Bernice Camilleri sabu xi mobile phone u xi €25. Ma jiftakarx mnejn xtraw id-droga t-tieni darba iżda kien Chalie Brincat li xtara d-droga.

72. Wara marru l-Imsida u jgħid li did-darba Bernice Camilleri ma ħaditx droga. Lil Chalie Brincat wasluh Mount Carmel u reġgħu marru lura l-Imsida fl-appartament. Chalie Brincat wara induna li Garrone kienet mietet xi erbat ijiem wara bħala kawża tal-ġrieħi gravi u ddeċieda li jikkopera mal-Pulizija u kixef lil Bernice Camilleri u lil Richard Attard. Ir-relazzjoni tiegħu ma Bernice Camilleri intremmet xi xahrejn wara li ħareġ mill-Ħabs wara li qal li sar jaf li Bernice Camilleri kellha relazzjoni oħra fil-Ħabs. Richard Attard qal li fl-ewwel stqarrija kien għadu close ma Bernice Camilleri u prova jiddefendiha. Iżda qal li l-importanti kien dak li qal bil-ġurament.

73. Chalie Brincat jgħid li kien Mount Carmel u kellu l-vizzju tad-droga u depression. Ħareġ bil-leave u ċempel lil Bernice Camilleri u Richard Attard u għaddew għalih Mount Carmel għal xi l-1600. Ġew b'Fiat "two door". Telqu minn hemm u waqaf jixtri flixkun inbid. Richard Attard kien qed isuq u Bernice Camilleri riekba fuq wara. Meta kienu fil-karozza bdew jitkelmu li riedu l-flus biex jixtru droga u jaraw kif se jakkwistaw xi ħaġa tal-flus u ddeċidew li jisirqu. Id-differenza minn Richard Attard hi li Chalie Brincat qal li dan il-kliem kien bejnu u bejn Ricahrd Attard; u Bernice Camilleri ma qalet xejn u jekk qalet hu ma semgħaħhiex. Izda meta xehed u ġiet moqrija lilu parti mill-istatement li ta lil pulizija fejn stqarr li Bernice Camilleri qablet mal-pjan tal-ewwel serqa, Chalie Brincat ikkonferma din il-verżjoni taħt ġurament.

74. Immedjatament wara qal li kienu sejrin jieħdu droga t-tlieta li huma u għalhekk anke Bernice Camilleri kienet se tieħu minn din id-droga. B'hekk dwar dal-pjan kemm is-serqa u l-iskop tagħha ġew miftehmin fil-karozza qabel waslu Tas-Sliema. Kif waslu Tas-Sliema qagħdu jħufu, raw anzjana u qal lil Richard Attard biex jieqaf. Meta ra lil Richard Attard kienet quddiem bieb u kellha handbag u mar għal handbag. Irreżistiet u għajtet biex ma jehdux. Kif ħadilha l-handbag, l-anżjana waqgħet għax imbuttaha u ħabtet rasha ma xi mkien.

75. Richard Attard u Bernice Camilleri marru fit-triq l-oħra jistennewh. Wara s-serqa mar u rikeb u Richard Attard beda jsuq gas down. Marru jixtru droga mill-Imsida. Niżlu hu u Richard Attard. Richard Attard xtara ponta kokaina. Richard Attard ċempel lil persuna li biegħetilhom id-droga. Allavolja Richard Attard u Bernice Camilleri qalu li d-droga xtrawha Bormla, Chalie Brincat għid li d-droga xtraha mill-Imsida. Iġifieri xi ħin wara s-serqa spiċċaw l-Imsida. Chalie Brincat jgħid li Bernice Camilleri ħadet

droga wara t-tieni serqa billi sniffjata. Chalie Brincat jgħid li Bernice Camilleri ma ħaditx mill-ewwel droga għax ma kienx hemm biżejjed u b'hekk il-pjan kien li jerġgħu jisirqu. Fit-tieni serqa Bernice Camilleri kienet magħhom u marru jduru biex jidentifika vitma oħra u raw lil Marija Cassar. Niżel mil-karozza, mar minn wara ħatfilha l-basket u telaq jiġri, sab il-karozza, tela fiha, u reġgħu marru jixtru d-droga mir-rikavat mill-basket biex jieħduha t-tlieta li huma.

76. Chalie Brincat jikkonferma wkoll li Bernice Camilleri qablet magħhom għal kollox – kemm għas-serqa u kemm għax-xiri u t-teħid tad-droga. Din qalha kemm fl-istatement tiegħu u kkonfermaha wkoll bil-ġurament tiegħu.

77. Chalie Brincat ma jifatkarx fejn kienu l-labar. Din il-ħaġa konfermata wkoll Bernice Camilleri u tgħid li Richard Attard kellu pouch bil-labar u karti. Bernice Camilleri ratu lil Richard Attard jġib il-pouch għax Richard Attard kien magħhom. Jekk Bernice Camilleri titwemmen f'dil-verżjoni, kif jista' jkun li tgħid li ma kienetx taf għal liema raġuni kienu se joħorġu dakinhar? Il-pjan kien minn qabel ma waslu Tas-Sliema li kienu se jmorru jixtru droga u proprju minn qabel ma marru Mount Carmel in kwantu l-pouch ħarġuh magħhom. Chalie Brincat jgħid li hu kien sick għad-droga u b'hekk l-iktar ħaġa importanti kienet kif se jġibu d-droga – eżatt kif ġara f'dan il-każ. Il-fatti jaqblu ma dan ix-xenarju.

78. Fiż-żewġ handbags Chalie Brincat jgħid li kien hemm il-flus. Wara l-ewwel serqa - dettal li ħareġ issa minn Chalie Brincat - li Bernice Camilleri jista' jkun kienet qed tibki fil-karozza wara l-ewwel serqa. Meta xehdet Bernice Camilleri u mistoqsija Chalie Brincat staqsihiex għaliex qed tibki jirriżulta li Chalie Brincat ma staqsiehiex għaliex kienet qegħda tibki. Iġifieri ma ħassx li jistaqsiha għalfejn qed tibki.

79. Mark Vassallo jikkorrobora l-verżjoni li taw Richard Attard u Chalie Brincat għax ra Fiat ġejja minn triq Creche bil-bieba tal-passiġġier miftuħa, u ra raġel (li kien Chalie Brincat) jidħol fin-naħa tal-passiġġier. Lil Chalie Brincat raħ b'oġġett marsus ma sidru (li kien il-basket tal-anzjana) u l-karozza saqet l-hemm b'ċertu veloċita. Jindika li fiha kien hemm tlieta minn nies: tnejn quddiem u waħda żgħira fin-nofs. Dan ix-xhud huwa korroborat mill-filmati tal-espert Dottor Martin Bajada fejn karozza Fiat Uno tidher għaddejja fil-ħin wara l-ewwel serqa – 18:48:48.

80. Fit-tieni serqa kienu involuti Antoinette Fava u Malcolm Ellul Sullivan bħala xhieda. Fava tgħid li fit-tarf tat-triq rat tfajla u ġuvni u ma għarfithomx. Marija Cassar sofriet trawma kbira u kellha 89 sena. Ftit sekondi wara s-serqa jasal Ellul Sullivan li ftit ħin qabel kienet għandu Marija Cassar bir-rigal tat-tieġ. Ellul Sullivan ra karozza bi tliet irjus fiha fin-niżla u ra raġel dieħel fiha u l-karozza "shot off". Mhux bħal fekruna. Ma jiftakarx sew il-make jew kulur jew fejn marret il-vettura. Marija Cassar jgħid li setgħa kellha xi Lm10 jew mobile jew ċwievet.

81. Bernice Camilleri qalet li kienet tibża ħafna minn Richard Attard u semmiet xi episodji ta' swat u theddid anke b'sikkina taħt l-imħadda. Pero ma setgħetx tgħid id-dati, inkluż meta ġiet mhedda b'ħajjitha. Iżda wara dan kollu xorta baqgħet miegħu. Meta xehdet ma kienetx tidher xi karattru dgħajjef jew partikolarment sottomess. Kienet defiant anke meta l-Prosekutur beda jistaqsiha ċerti domandi skomdi u anke daħlet f'argument miegħu. Apparti dawn l-episodji li tgħid li ġraw irridu noqgħodu biss fuq dak li qalet hi. Qalet ħafna affarijiet fuq Richard Attard pero ma ttellgħet ebda prova sal-grad tal-probabbli. Il-provi ma kienux biss rapporti lil Pulizija għax il-Prosekuzzjoni taf li għax mhux dejjem isiru rapporti; iżda setgħu ittellgħu xi xhieda oħra, bħal tal-Appoġġ jew professjonisti oħra li setgħu segwewha. Irridu nistrieħu fuq il-kelma tagħha. Kellha tiġi sostnuta imqar parti minn dak li qalet il-bieraħ.

82. Bernice Camilleri li kienet tafu sew lil Chalie Brincat. Allura jekk kienet tafu sew setgħet faċilment tiddiswadih milli jagħmlu s-serqa. Tgħid ukoll li kienu għaddew minn Haż-Żabbar u qabżu mina Hompesch u taw il-fuel. Niżlet mill-karozza u għamlet l-urina. Tgħid li xtaqet taħrab iżda beżgħet minnhom u kellha tmur lura. Pero marret lura magħhom volontarjament. Ma ġewx għaliha jew qagħdu jistennewha wara l-bieb.

83. Bernice Camilleri tgħid ukoll li d-droga ħaduha Bormla stess fil-viċinanzi tad-dar ta' Chalie Brincat. Kienet festa tal-Kunċizzjoni u qalet li iva setgħa kien hemm il-festa ta' Bormla. Kemm hi verosimili li ħadu d-droga hemmhekk hija kwistjoni li trid tiġi analizzata. Anke bħala ħin kien bejn is-1900 u 2100. Jekk il-verżjoni tagħha hija minnha, u d-droga ġiet konsmata Bormla fil-karozza u allura jekk kellhom il-pouch magħhom fil-karozza dan jikkonferma li l-pjan li kellhom mill-bidu nett biex jieħdu d-droga.

84. Bernice Camilleri tgħid li kienet tibża' minn Richard Attard; imma kienet tibża wkoll minn Chalie Brincat? Ma qalet xejn li kienet tibża' minnu u fil-fatt Chalie Brincat lilha ċempel xi tliet darbiet biex imorru għalih. Tgħid li Chalie Brincat u hi kienu ħbieb u għamlet xi seba' xhur tgħix miegħu u oħtha. Imma allura kienet tibża' wkoll minn Chalie Brincat?

85. Tgħid li Richard Attard ma qabilx li meta waslu Tas-Sliema Chalie Brincat jinżel jisraq lil Garroni u tgħid li Richard Attard qallu biex ma jagħmilhiex is-serqa. Pero ftit sekondi wara tgħid li Richard Attard biddel il-ħsieb u waqfu u mar jistennieh il-bogħod. Ftit sekondi wara daret fuq Richard Attard u qaltlu biex jitilqu biex ma jkunux parti minnha u dan, allavolja kien apparentament tal-istess fehma tagħha dar u fajrilha daqqa b'idu fuq wiċċha u ħabtilha rasha mal-ġenb tal-karozza li tiġi wara fejn kien bilqegħda Richard Attard. Dan kollu ma jagħmel ebda sens. Jekk dawn kienu qablu bejniethom li ma ssirx is-serqa kif Richard Attard imbagħad jaġixxi hekk? Anke kif iddeskriviet kif ta d-daqqa kienet ukoll inverosimili. Id-dinamika u l-fiżika ma tippermettix dan.

86. Bernice Camilleri tgħid li marru Bormla u Chalie Brincat ried jieħu d-droga hemmhekk. Huma ħaduha bil-labra mentri Richard Attard għamillha l-coke fuq CD u qallha biex tiġbidha u hi ħaditha. Tgħid li Richard Attard sfurzaha biex tieħu d-droga. Għalfejn sfurzaha? Dan bil-kemm kellhom droga – ponta kokajina kull ma kellhom iġifieri bilkemm kellhom għalihom. Ma tagħmilx sens li kellu jisforzaha. (wara kollox it-tieni darba ma ħaditx...)

87. Meta mistoqsija in kontroeżami dwar id-diskors li semgħet, qalet li semgħet lil Chalie Brincat jgħid lil Richard Attard li kellu bżonn jiddobba xi ħaġa u Richard Attard qallu li jaqbel. B'dawn iż-żewġ kelmiet qalet li Richard Attard u Chalie Brincat fehmu kollox iżda hi ma kienetx konxja x'se jiġri. Iżda allura dan kien ifisser li dawn ftehmu bit-telepatija għax kif waslu Tas-Sliema, kull ma Chalie Brincat qal lil Richard Attard kien "hawn din il-mara, hawn din il-mara" u Richard Attard waqfu biex Chalie Brincat jinżel jisraqha mingħajr ma qallu xejn iżjed. Din il-verżjoni ma għandhiex mis-sewwa. Fid-dinja reali l-affarijiet ma jseħħux hekk b'dan il-mod.

88. Bernice Camilleri tgħid li fehmet mill-ewwel li kienet se ssir serqa meta Chalie Brincat qal "hawn din il-mara, hawn din il-mara" : minkejja li ma kienx sar diskors f'dan is-sens. Iżda mbagħad

allura minn din il-frażi allura kienet f'daqqa waħda fehmet kollox. U dan meta Chalie Brincat kien ċempel lilha.

89. Dan il-pouch li kien magħhom juri li l-intendiment tagħhom kien mill-ewwel li riedu jieħdu d-droga. Il-pjan għalhekk kien mill-bidu li jmorru għad-droga.

90. Semmiet li setgħa kien hemm ir-radio tal-karozza mixgħul għax ġeneralment Richard Attard kien jagħmlu għoli ħafna u tant li meta kienet Fejda kienet tisimgħu minn ġewwa. Iżda Mark Vassallo ma jsemmix li kien hemm xi radio mixgħul. Li kien hemm ir-radio mixgħul ma kienx verosimili. Dan peress li dawn kienu qegħdin f'serqa fejn mhux verosimili li jkollhom radio mixgħul f'nofs serqa b'mod li l-ħoss qawwi jiġbed l-attenzjoni fuqhom. Min jagħmel reat irid jara li ma jiġbidx l-attenzjoni fuqu u għalhekk din il-verżjoni ma kienetx kredibbli. Bernice Camilleri tgħid li ma semgħetx l-għajta ta' Garroni, iżda Richard Attard semgħaha. Setgħa kien hemm it-twieqi miftuħin għax Richard Attard u Chalie Brincat kienu jpejpu u allura żgur kienet tinstema' Apparti minn hemm kieku veru kien hemm il-mużika qawwija għaddejja din żgur li kienet tinstama' mix-xhud okulari Vassallo, li pero dwarha ma jgħid xejn.

91. Ħaġa oħra stramba kienet li meta Chalie Brincat ġie bil-basket, Bernice Camilleri qalet li ħassitha xxukkjata iżda meta marru jixtru d-droga kienet ħassitha biss imdejqa. Minn imkien ma ħareġ li kienet ġiet imġiegħla tieħu d-droga.

92. L-għada fid-9 ta' Diċembru qalet li ġiet ukoll sfurzata tagħmel serqa ta' laptop minn ħanut. Tgħid li anke hemm kienet sfurzata minn Richard Attard biex u żżid anke li ma kienetx taf għaliex Richard Attard ried imur hemm. Anke fl-inċident tat-8 ta` Dicembru ma kienetx taf fejn sejrin. Allura din qatt ma kienet taf fejn tmur?

93. Bernice Camilleri ftakret ħafna affarijiet li saru fil-passat qabel 2010 iżda x'diskors intqal fil-karozza tgħid li ma semgħetux. U dan minkejja li Chalie Brincat u Richard Attard qalu li fil-karozza kienu ftehmu l-pjan. L-anqas tgħid li Chalie Brincat u Richard Attard ftehmu bejniethom. Wara li ħadu droga Richard Attard qallu ok biss għat-tieni serqa. Allura b'dan ir-raġunament, kif qalet hi, kieku baqgħu għaddejjin dawn is-serqiet il-lejl kollu allura kienet se tibqa' magħhom.

94. L-istampa mal-familija ta' Richard Attard mhix daqshekk negattiva daqs kemm qed tpinġiha Bernice Camilleri. Il-ġenituri ta' Richard Attard tawha ċertu support. Ġabulha l-ikel il-ħabs, xtrawlha l-ħwejjeġ, offrewlha jakkumpanjawha u ħalsulha l-bail bond. Kien hemm sostenn minn naħa tagħhom. Meta ħarġet bil-bail reġgħet marret għandu iġifieri għand persuna li kienet imwerwra minnu.

95. Jekk ma kienetx taqbel mal-pjan tas-serq u xiri tad-droga, għaliex baqgħet hemm? Wara l-ewwel serqa ratu lil Chalie Brincat jiġri bil-basket f'idu. Avolja wara s-serqa għaddiet mir-riskju tal-"getaway" – xorta ddeċidiet li tibqa' magħhom fil-karozza u tibqa' magħhom anke fit-tieni serqa.

96. Richard Attard jgħid li wara kienu marru l-apparatment tal-Imsida fejn kienu jogħodu hu u Bernice Camilleri biex jieħdu d-droga. Bernice Camilleri setgħet baqgħet hemm għax kienet ilha tliet ġimgħat tgħix hemmhekk. Kellha l-ħwejjeġ tagħha hemm. Setgħet baqgħet hemm.

97. Dwar l-element tal-prevedibbilita jingħad li l-ftehim kien li jmorru jisirqu nisa bil-handbags. Fil-fatt it-targets kienu nisa anzjani. Dawn huma "high risk targets". Kwalunkwe bniedem setgħa jara li dawn ir-riskji u prevedibbilita ta' ħsara u klassifikati mill-Qrati Maltin bħala reati odjużi għax l-anzjani jagħtu anqas reżistenza. Mhux qed jingħad li xi ħadd minnhom kellu l-intenzjoni li jikkawżaw il-mewt ta' Garroni. Iżda kien jista' jiġi previst li l-konsegwenzi kontra l-anzjani setgħu kienu kbar.

98. It-tipoloġija ta' serq "snatch and grab" huwa reat fejn il-vjolenza hija impliċita fih. L-oġġett ikun fil-kontroll fiżiku tal-persuna u taħtafulu. Huwa minnu nnifsu huwa att vjolenti. Ir-riskju li tweġġa l-persuna huwa kbir ħafna. Huwa istintiv li dak li jkun jipprova jżomm u jirreżisti. Avolja l-anzjani jafu li huma dgħajfa xorta waħda għandhom l-istess istinti li jipproteġu ħwejjiġhom. Dan mhux bħal serqa ta' oġġetti personali ta' persuni li jkunu qegħdin jgħumu. Il-vjolenza ma setgħetx tiġi prevista. Iżda dan il-każ huwa differenti minn hekk. Huma targeted nisa anzjani u allura kienu jistennew li kellha ssir reżistenza ta' dak li jkun u allura għażlu l-inqas nies li jistgħu jirreżistu. Kienu konsapevoli mir-riskju tas-saħħa tal-vitmi in kwantu hija impliċita fil-fatt li s-serqa saret minn fuq anzjani.

99. Ħadu fuqhom responsabbilta kriminali kbira meta immiraw nisa anzjani. Richard Attard jgħid lil Chalie Brincat, biex ma jinżilx jisraq nisa li jkollhom handbag fuq spallithom, iżda dawk li jkollhom il-handbag f'idejhom. Fil-fatt Garroni kellha l-katina tal-handbag mal-ponn ta' jdejha. Kienu jafu r-riskju li kien hemm u l-vjolenza li tkun ikkawżata fuq il-vitma.

100. Dwar il-parteċipazzjoni tal-akkużata jingħad li hija pruvat tpinġi lilha nnifisha bħala totalment passiva; kważi kważi spiċċat hemm kontra l-volonta tagħha u kienet vitma ta' Chalie Brincat u Richard Attard. Iżda f'dan il-każ hemm żewġ vitmi – Rose Garrone u Marija Cassar – sempliċiment biex jixtru ponta kokajina. Mill-provi toħroġ li Bernice Camilleri kellha parteċipazzjoni attiva. Kienet preżenti fil-karozza meta sar il-pjan, meta saru ż-żewġ serqiet, kienet bdiet tippunta lejn il-persuni kandidati għas-serq. Richard Attard jgħid li għamel għaliha meta riedet issir serqa oħra. Fl-ewwel serqa fetħet il-bieba ta' quddiem tal-passiġġier ħalli meta jidħol Chalie Brincat ma jintilefx żmien. Dan jaqbel ma dak li qal Mark Vassallo. Richard Attard ma setgħax jiftaħ il-bieba għax kien qed isuq. Għalkemm kienet taf x'ġara fl-ewwel serqa baqgħet hemm. Kienet taf li nsterqu handbags għax Chalie Brincat għaddielha l-handbags u tant hu veru li kienet taf li l-mobile misruq kien ukoll Nokia. Kieku ma kellhiex parteċipazzjoni attiva kif setgħet tkun taf li ġabru €20. Sniffjat ukoll il-kokajina mixtrija mir-rikavat tal-ewwel serqa. Minn imkien ma ħareġ ħlief mill-verżjoni tal-akkużata li kienet imġegħla tieħu d-droga.

101. Dwar il-kompliċita. Ko-awtur u kompliċi huma fuq l-istess livell u jeħlu l-istess piena u huwa biss l-irwol li jkollu fil-pjan li jvarja. L-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali jispjega meta jista' jitqies li persuna tkun kompliċi. Anke jekk saħħet il-volonta tal-awtur. Anke għall-fatt li din dak iż-żmien kienet it-tfajla ta' Richard Attard li jgħixu flimkien, il-fatt li qegħda miegħu kienet tagħtu ċertu kuraġġ biex jagħmlu dak li għamlu. B'hekk kellha tiġi misjuba ħatja.

102. Id-Difiża tibda l-kontro-replika tagħha billi tikkritika lil Prosekuzzjoni li temmen il-verżjoni ta' Richard Attard mingħajr ma wieġbet dwar kif u għalfejn ma kienx veritjier. Il-Prosekutur jibni din il-forma ta' kredenza u forċina għall-każ tiegħu mhux ma Richard Attard iżda mal-pouch ta' Richard Attard. Il-Prosekuzzjoni tgħid li l-pouch kien il-prova li la kien hemm il-pouch allura kienu sejrin jisirqu. Dan huwa żbaljat. Il-prova trid tiġi marbula waħeda u fl-intier skont l-esperjenza tal-ħajja. Richard Attard kien joħroġ bl-

affarijiet ukoll li kienu jkunu marbuta mal-abbuż tad-droga sabiex jekk u meta jsib il-każ ikun jista' jabbuża mid-droga. Min jabbuża mid-droga jieħu flus jew droga miegħu meta joħroġ. Jekk Richard Attard jitwemmen, huwa jgħid li huwa flus miegħu kellu. Jgħid ukoll li ma riedx jagħmel dawn l-affarijiet iżda wara aċċetta li jwassal lil Chalie Brincat u jniżlu iżda qallu biex ma jweġġa' lil ħadd. Ma hemm xejn inverosimili li bniedem li jieħu d-droga fl-aħħar iċedi. Kien Richard Attard li ma riedx għall-ewwel, iżda wara aċċetta li jniżlu. Dan jikkonfermawh kemm Bernice Camilleri kif ukoll Chalie Brincat. Richard Attard ċeda f'dak il-mument li kienet se ssir is-serqa.

103. Il-Prosekuzzjoni tgħid li dan il-pjan ġie miftiehem mill-mument li ħarġu minn Mount Carmel. Iżda f'distanza ta' 500 metru hemm Horace Bar. Dan f'inqas minn minuta tasal għalih.

104. Wara l-Prosekuzzjoni jgħidu li Richard Attard qal li saq bi speed qawwi wrong way. Iżda fit-8 ta` Dicembru Malta tinqasam f'żewġ postijiet – kull min hu Bormliż imur għall-fest ta' Bormla u min mhux Bormliż, fit-8 ta' Diċembru jibdielu l-"Christmas shopping". B'hekk mhux verosimili li huwa saq "wrong way" u "overspeeding" f'Tas-Sliema li min jaf kif dik it-triq kienet maħnuqa bit-traffiku ta' nies jixtru minn hemm. Mhux possibbli li saq wrong way mingħajr ma laqat lil ħadd.

105. Il-Prosekutur jgħid li dakinhar tal-festa ta' Bormla. Iżda z-zona fejn toqgħod omm Chalie Brincat hija akkwata magħrufa għal persuni b'background kriminuż jew kriminoġeniku. Min jittaqqab bid-droga ma joqgħodx jieħu ħsieb l-iġjene jew l-ambjent ċirkostanti tiegħu meta jittaqqab. Dawn l-importanti għalihom huwa li jittaqbu kemm jista' jkun malajr. Sakemm ma jkollokx esperjenza bħal persuni tad-Drug Squad ma tindunax li jkunu qed jabbużaw mid-droga meta jkunu fil-karozza.

106. Bosta drabi l-aħjar mod biex ma tagħmilx fil-għajn huwa li tagħmel l-oġġett fid-deher. Chalie Brincat xtara d-droga minn Bormla u ried jieħu dak il-ħin. Richard Attard ma jitwemminx li saq lura lejn il-Gżira – u mhux l-Imsida – u se joqgħod jistenna li jittaqqab minn Bormla lejn l-Imsida? Bħal ma jkun hemm traffiku tas-Sliema, anke Bormla jkun hemm it-traffiku minħabba li kienet il-festa. Min niżel għall-festa Bormla kien hemm nies deħlin u ħerġin minn Bormla. Chalie Brincat ma kienx se jagħmel dak it-traġitt. Il-Fgura wkoll il-ħin kollu bit-traffiku aħseb u ara dakinhar. L-iktar post

qrib fejn jabbużaw mid-droga kien bejn San Ġwann t'Għuxa u l-Verdala.

107. Bernice Camilleri tagħti ċ-ċertezza morali li l-affarijiet huma kif qalet hi. Jista' jkun hemm ukoll nies li ma jkunux ċerti minn ċerti fatti. Meta xehed Chalie Brincat quddiem il-Maġistrat Montebello jgħid li dakinhar kien mar Bormla biex jissellef mingħand ħuh. Iġifieri jaf li fit-8 ta` Diċembru 2010 kienu marru Bormla.

108. Anke meta telqu minn Dingli Circus u ġibdu lejn il-Marsa : – hemmhekk fejn intrema' l-basket hija wkoll zona magħrufa għal prostituzzjoni u traffikar tad-droga. Imma kienet kumbinazzjoni li l-handbag imur jintrema' hemm? U jekk ma sabx droga minn hemm, l-eqreb post biex isib id-droga huwa li jmorru Bormla, post fejn Chalie Brincat kien jafu sew.

109. Dwar min kellu verament il-vizzju tad-droga – wieħed irid jara l-fedina penali ta' Richard Attard u Chalie Brincat. Hemmhekk hemm riferenza ċara ta' min kellu l-vizzju tal-abbuż tad-droga. Kellhom għadd ta' sejbien ta' ħtija ta' pussessi ta' droga. Bernice Camilleri għandha waħda u ġiet spjegata. L-oħrajn għandhom bibbja. Mhux għax minħabba l-passat tagħhom ma għandhomx jitwemnu. Iżda Bernice Camilleri tgħid li hi ma kienetx ivvizjata. Min ikun ivvizjat ikun irid ikun regolari fl-abbuż mid-droga. Bernice Camilleri ma żammitx lura fuq meta hija nstabet ħatja. Hemm is-sentenzi dwar dak fejn kienet instabet ħatja. L-annu fil-parti tal-fatti hemm typing error żgur. Il-fatti qegħda mniżla fl-2012. Iżda din saret fl-2010.

110. Anke dwar it-tieni serqa tqum id-domanda. Meta xehdet l-Ispettur Anne Marie Xuereb kif ukoll dak li qalet is-surġent Valerie Mifsud qalu li dak iż-żmien kien ikun hemm ħafna "snatch and grab cases". Jekk ħadd minnhom it-tlieta ma kien ċert mis-serqa ta' Cassar, ma kienx hemm prova indipendenti li t-tieni serqa kienet ta' Cassar. Ammettew għaliha, veru. Iżda prova li dik is-serqa saret minn Chalie Brincat u Richard Attard ma hemmx. Malcolm Ellul Sullivan ma kienx ċert dwar in-natura tal-vettura in kwistjoni. Iżda l-karozzi li semma hu ma kienetx taqbel ma dak li kien qiegħed isuq Richard Attard. Jekk Challie Brincat wara l-ewwel serqa, kien mimli tilja pilloli u xorob l-inbid u ma ftakar xejn dwar it-tieni serqa, ma jistax jiġi emnut li d-droga li sniffjat Bernice Camilleri kienet wara t-tieni serqa. Ma għandux idea. Hu minn dejjem qal li ma kienx

qiegħed jiftakar xejn dwar it-tieni serqa. U meta jitqies li kien bil-pilloli, inbid u kokajina – mhux sorpriża li ma jiftakarx.

111. Fava hija eżempju ċar ta' kemm bniedem, bi trapass taż-żmien, jista' jinsa'. Fl-istruttorja tgħid li rat għan-niżla ta' St Mary Street tlieta minn nies u għajtitilhom biex iwaqfuh. Fil-kawża Fava tixhed li kienu tnejn – raġel u mara. Qalet li ma ratx l-aħbarijiet qabel il-kawża. Issa allura kif issa qed tgħid li tnejn minn nies – raġel u mara – mhux għax semgħet l-aħbarijiet u l-akkużata hija mara u l-kumplament kienu rġiel? Allura kien hemm il-malvivent u t-tnejn l-oħra iżjed il-fuq? B'hekk Fava setgħet faċilment tieħu żball ta' memorja.

112. Kwantu għar-raba kap huwa konċess li bniedem li hu vitma ta' serqa se jkollu qatgħa. U huwa wkoll li skont dak li jgħid il-Mamo, li l-offiża fuq il-persuna mhux neċessarjament tkun fiżika iżda wkoll mentali. Iżda f'dan il-każ irid jiġi analizzat jekk kienx hemm il-prova li Marija Cassar ġarbet offiża fuq il-persuna tagħha, inkluż dik medika. Fava u Debono u anke Marija Cassar tgħid li kienet ġarbet qatgħa. Minkejja dak li qalu Fava u Debono, din hija prova ta' offiża fuq il-persuna tagħha? Ma hemmx prova dwar dan. Potenzjalment jista' jkun vera iżda ma tistax tgħid iżjed iva milli le li kellha xi forma ta' debulizza mentali. Ma hemmx l-evidenza. Il-Qorti tista' tmur kontra l-parir mediku : iżda l-ewwel irid ikun hemm parir mediku u riskontru tal-fatt mediku, li huwa assenti f'dan il-każ. Hemm żewġ persuni li ma humiex mediċi u dan huwa wkoll shock iżda ma hemm xejn iżjed. Mela allura l-aggravju tal-vjolenza kontra tagħha ma jreġix fir-rigward ta' Marija Cassar.

113. Inoltre, l-Avukat Ġenerali ma jinkludix ukoll l-aggravju taħt l-artikolu 272A tal-Kodiċi Kriminali.

114. L-akkużata mhix ħatja u moralment konvint li mhix. Il-Prosekutur jaf li Richard Attard ma jistax jitwemmen. Meta wieħed jara dak li qalet il-Prosekuzzjoni, anke mit-testimonjanza tal-Ispettur Xuerreb jirriżulta li l-Prosekuzzjoni hija żbaljata meta Richard Attard jgħid li la baqgħet magħhom allura riedet. Dan l-iżball huwa li mhux bażat fuq prova iżda silloġiżmu. Għax Bernice Camilleri kienet magħhom ma jfissirx li kienet ħatja. Il-provi juru li dan il-każ kollu kemm hu kien hemm il-mod kif ġabet ruħha minn meta kellha 13 il-sena – infatwata u dominata minn Richard Attard.

115. Inoltre, mhux veru li marru lura l-flat il-Gżira u b'hekk ma setgħetx tibqa' d-dar. Meta hija kienet abbużata ma setgħetx tiddeċiedi hi. Anke nisa intelliġenti xorta waħda jaqgħu bħala vitmi ta' vjolenza domestika. Dan minħabba li huwa fenomenu ikrah. Il-Prosekutur talabha d-dati għal kull inċident. Iżda kienu tat dawn id-dati ma kienetx tiġi emnuta. Hi qalet li anke f'dawk il-jiem qabel il-każ kienet ukoll subiet vjolenza minn naħa tiegħu. Hi baqgħet miegħu minkejja l-vjolenza li uża kontra tagħha. Allura meta kienet qegħda mitluqa għal rasha u ma kellha lil ħadd wieħed ma jiskantax li hija ma talbitx għall-għajnuna. L-għarbiel tal-prova tagħha li għamel il-prosekutur mhix sewwa.

116. Il-Prosekutur irrefera għall-fatt li Bernice Camilleri meta kienet fil-bathroom tal-pompa tal-petrol. F'ebda ħin ma semmiet li kien hemm xi bathroom iżda għamlet l-urina taħt ċint.

117. Il-Prosekutur jgħid ukoll dwar il-kwistjoni tal-bieba – veru li jekk il-bieba mhux magħluqa ċċekċek. Iżda l-moviment tal-vettura misjuqa minn Richard Attard ma tagħmilx sens li tibqa' miftuħa. U dan jikkorrobora dak li qalet Bernice Camilleri.

118. Dwar id-daqqa li qalgħet Bernice Camilleri fil-karozza Fiat Uno, biex jiġġenneb is-sewwieq ma jridx sforz. Sewwieq jista' jdur u bl-id tal-lemin jagħti daqqa fuq wiċċ persuna bilqegħda wara fuq in-naħa tax-xellug ta' wiċċha. Anke fuq dan il-punt Bernice Camilleri hija korroborata.

119. Il-Prosekutur isostni li l-familja ta' Richard Attard ġabu ruħhom tajjeb magħha. Veru wara li ħarġet bil-bail ħalsuh huma u kienet fid-dar tagħhom. Ida meta xtrawlha l-ħwejjeġ huma għamlu dan għax riedet bilfors li tilbes xi ħwejjeġ. Ma xtrawlhiex ħwejjeġ għax ħabbewha iżda għax ma kellhomx għażla.

120. Il-Prosekutur jgħid li Bernice Camilleri kienet tiġi akkumpanjata minn missier Richard Attard. Iżda f'dan il-każ il-missier impona ruħu meta kienet tmur tiffirma l-bail book. Il-ġenituri ta' Richard Attard juru kemm jimponu fuqu għax anke f'dan il-ġuri ġiet ommu miegħu biex jixhed fuq każ deċiż. Iżda Chalie Brincat kien akkumpanjat minn rappreżentant tar-RISE Foundation. Dan juri li Chalie Brincat għadu taħt ir-responsabiblta tal-Istat u Fondazzjoni li taħdem mal-Gvern u mal-CCF biex jgħinu lin-nies jintegraw ruħhom fis-soċjeta. B'hekk Chalie Brincat ma jistax jiġi

avviċinat jew mitkellem. Meta xehed hawnhekk, Chalie Brincat qed jgħid il-verita biss, a kuntrarju ta' Richard Attard.

121. Meta Richard Attard ġie mistoqsi in kontro-eżami l-attitudni tiegħu inbidlet u kien beda jġib ruħu b'mod ostili jew inkella jibda jieqaf mill-ewwel. Richard Attard mill-belt kien jixtriha d-droga għax hemm is-sentenza tal-Maġistrat Quintano fir-rigward ta' mnejn huwa kien jixtri d-droga u li kienet tkun miegħu u li minnha abbuża.

122. Il-Prosekutur jgħid li l-verżjoni ta' Bernice Camilleri ma kienetx korroborata. Iżda s-sentenzi fil-proċess juru ċar, anke li huwa kien jabbuża mid-droga. Richard Attard jgħid li ma kellu xejn għaliha u li kienet taqa' għalih. L-anqas jgħid li kien itiha għax riedha hu. Hu jipprova jallontana ruħu minn ħtijietu u jitfa' kollox fuqha bħal meta jgħid li hi kienet titolbu. Hi qalet li kienet tiġi manipulata minnu sa minn meta kellha tlettax il-sena. L-eta ta' Bernice Camilleri jekk kienetx 13 jew 14 il-sena ma kienetx daqstant fundamentali. Żgur li kienet dominata minnu t'eta tenera.

123. Il-Prosekutur jagħmel enfażi fuq is-sub inċiż (e) tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali. In kontro-eżami l-Ispettur Anne Marie Xuereb qalet li hemm il-kompliċita għax wegħditu li se jieħdu d-droga wara. Iżda ma hemm ebda prova tal-istant meta kellha tieħu d-droga meta din tinxtara. L-eżerċizzju li għamlet il-Prosekuzzjoni fil-konfront ta' Bernice Camilleri kien ta' silloġiżmu u mhux ta' prova.

124. Il-Prosekuzzjoni ssostni li fatt li Bernice Camilleri kienet it-tfajla ta' Richard Attard kienet biżżejjed biex tqawwilu qalbu. Chalie Brincat jgħid li Bernice Camilleri kienet hemm għax it-tfajla ta' Richard Attard. Iżda meta tara dak li xehdu Richard Attard u Chalie Brincat hawnhekk u dak li xehdu quddiem il-Maġistrat Montebello u dak li qalu lil Pulizija fl-istqarrijiet tagħhom, il-Qorti ma tistax tikkonkludi li bil-preżenza tagħha Bernice Camilleri saħħitilhom qalbhom. Provi f'dan is-sens ma hemmx. Il-fatt li kienet hemmhekk magħhom mhux biżżejjed. Il-preżenza tagħha trid tkun b'mod li dak li jkun it-tnejn li huma jieħdu l-kuraġġ minnha u b'hekk isaħħaħ id-determinazzjoni tagħhom. Il-Qorti trid tneħħi lil Bernice Camilleri mill-ekwazzjoni u tara x'qalu Chalie Brincat u Richard Attard u tistaqsi jekk Richard Attard mar waħdu għand Challie Brincat l-aġir tiegħu kien iseħħ jew le? It-tweġiba kienet li b'Bernic Camilleri hemm jew mingħajrha kienu se jagħmlu l-istess ħaġa. Allura jekk l-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali jkun eskluż, il-Qorti trid tara jekk hi kienetx ko-awtriċi. F'dak il-każ ma hemm xejn li jpoġġiha fiż-żarbun

tal-ko-awtur. Mill-ottika legali, il-Qorti ma tistax issibha ħatja. Richard Attard qal li ma riedu jweġġgħu il-ħadd. Dan qed jirreferi għalih u għal Bernice Camilleri.

125. Jgħid li Chalie Brincat ma ssoffermax jara x'ġaralha meta kienet qed tibki wara li daħal lura fil-karozza wara l-ewwel serqa. Dak il-ħin Chalie Brincat kien moħħu biex imur jixtri d-droga. Drug addict ma jġibx ruħu bil-mod kif jipprospetta l-Prosekutur.

126. Chalie Brincat jgħid li l-idea kienet tiegħu u tkellem ma Richard Attard, iżda Bernice Camilleri qablet magħhom. X'ried ifisser b'dan Chalie Brincat? Skontu il-qbil miegħu ma Richard Attard seħħ f'liema istant? Meta xehed quddiem il-Maġistrat Montebello u hawnhekk dan qal li ma kienx il-qbil fil-mument qabel l-aggressjoni ta' Garrone in kwantu jikkonferma li kien hemm l-argument. B'dik il-frażi Chalie Brincat jgħid li qabel magħhom wara l-akkadut għax ħadet id-droga magħhom. Iżda sabiex ikun hemm aġir illegali "the meeting of the minds" bil-modalitajiet tiegħu kollha jrid ikun seħħ qabel u mhux wara.

127. L-anqas ma jista' jingħad li Bernice Camilleri ħatja tar-riċettazzjoni għax hi qasmet magħhom fil-konsum tad-droga u mhux fil-flus.

128. Bernice Camilleri ftakret li l-mobile misruq kien Nokia għax għaddieh Chalie Brincat lil Richard Attard minn quddiemha. Iżda wara kważi tnax il-sena, Richard Attard ftakar saħansitra l-mudell. Il-familjari ta' Cassar ma setgħux jgħidux, iżda Richard Attard ftakru. Dan juri kemm mhux xhud kredibbli u attendibbli.

129. Li kieku ġew il-handbags ġew miġbura mill-pulizija setgħu jiġu analizzati għall-fingerprints u b'hekk kien jiġi determinat li l-akkużata ma missethomx.

130. Richard Attard jgħid li Bernice Camilleri qalbet il-basktijiet. Iżda dan mhux minnu kif jirriżulta minn dak li qalu Chalie Brincat u Bernice Camilleri. Hemm partijiet fejn Bernice Camilleri taqbel ma Richard Attard, iżda mhux f'kollox. Bernice Camilleri setgħet faċilment ma ssemmix li marru Bormla. Bernice Camilleri ma gidbitx u dawret il-fatti iżda baqgħet konsistenti. Inxtrat Bormla u ttieħdet Bormla.

131. Il-Prosekutur jgħix li Bernice Camilleri ma ħaditx mit-tieni droga għax inxtrat ftit. L-ammont ta' droga li nxtrat kienet b'valuri li kienu simili – kemm wara l-ewwel serqa kif ukoll wara t-tieni serqa. Fit-tieni darba ma ħaditx għax kienet ġiet imġiegħla tieħu l-ewwel darba.

132. L-uniku bniedem li waqaf ma Richard Attard kien missieru meta ġibed il-bail bond li kien ħallas għall-Bernice Camilleri wara li sar jaf kif kien qed jittrattaha Richard Attard. Imbagħad meta Bernice Camilleri irranġat mal-familja tagħha setgħet tagħmel it-talbiet tagħha grazzi għall-għajnuna minn missierha. Hemm l-atti li jindikaw ċar min imbagħad għamlilha t-talba għall-bail. Hemm ir-rikorsi li juru dan. Dan jikkuntrasta dak li għamel Richard Attard meta għamel it-talbiet tiegħu varji tiegħu. Bernice Camilleri għamlet talba għal bail, darba biex tibdel l-indirizz u darba biex issiefer mal-partner tagħha minħabba li kellu bżonn intervent mediku barra minn Malta. Turi l-affidabilita min itiha jekk hux Richard Attard, Chalie Brincat jew Bernice Camilleri.

133. In definittiva d-Difiża talbet lil Qorti sabiex tiddikjara lill-akkużata mhux ħatja tat-tieni, tar-raba' u tas-sitt kapi tal-akkuża miġjuba kontra tagħha.

**Ikkunsidrat :**

134. Huwa evidenti li l-Prosekuzzjoni tagħti ħafna piż lix-xiehda ta' Chalie Brincat u ta' Richard Attard, filwaqt li tagħmel enfażi akbar fuq dak li stqarr Richard Attard. Mill-banda l-oħra, l-akkużata tiskredita lil Richard Attard f'diversi partijiet tax-xiehda tiegħu u b'mod partikolari f'dawk l-iżjed partijiet li kienu determinanti għal dan il-każ, filwaqt li tagħti iżjed attendibilita li dak li xehed Chalie Brincat billi tinterpreta dak li xehed Chalie Brincat bħala li jeskludiha mill-poter deċiżjonali u eżekuttiv ta' dawn id-delitti meritu ta' dan il-każ.

135. Kif intqal iżjed il-fuq, kull wieħed minn dawn ix-xiehda offra verżjonijiet li mhux għal kollox konċiljabbli bejniethom. Biss minn analiżi dettaljata tal-provi kollha prodotti fl-atti tal-kawża (ad eċċezzjoni tal-istqarrijiet tal-akkużata sew miktub u sew riportati verbalment minn xhieda oħra) u mis-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet, din il-Qorti tqis li ma tistax tikkonkludi li l-akkużata

pruvat sal-grad tal-probabbli li hija kienet kompletament estranja għad-deċiżjonijiet li ttieħdu f'dan il-każ, u għall-azzjonijiet sussegwenti li wasslu għas-serqiet de quo nonche għax-xiri u konsum tad-droga bejniethom, għalkemm mhux eżattament bil-mod kif prospettat mill-Prosekuzzjoni.

136. Din il-Qorti tifhem li l-imħabba li setgħa kien hemm bejn l-akkużata u Richard Attard fil-passat, illum il-ġurnata ftit li xejn jirriżulta li għad fadal minnha, għajr dell ikrah fuq il-passat tat-tnejn li huma. Għalkemm il-Qorti temmen lill-akkużata meta tgħid li r-relazzjoni tagħha ma Richard Attard ma kienetx mis-sbieħ nett, mill-banda l-oħra l-provi f'dan il-każ juru li anke hi kellha passat, li l-anqas ma kien sabih. Dil-Qorti ma tqisx li kien probabbli li l-akkużata tant kienet dominata minn Richard Attard b'mod li l-poter deċiżjonali tagħha kien spiċċa fix-xejn. Għalkemm il-provi ma jurux li hija kienet maħkuma mill-vizju tad-droga daqs kemm kienu Richard Attard u Chalie Brincat, mill-banda l-oħra kif qalet hi stess, fl-aħħar mill-aħħar anke hi ġieli ħadet id-droga. Il-provi juru wkoll li hi kienet preżenti fil-ħajja ta' Richard Attard għax riedet li tkun parti minn dik il-ħajja. Meta għażlet li tbiddel ir-rotta, fil-fatt bidlet ir-rotta ta' ħajjitha, anke bl-għajnuna ta' persuna oħra. Iżda kien hemm żmien meta kienet għadha tagħżel li tgħix f'dak il-perjodu ikraħ ta' ħajjitha. U dak li għamlet dak iż-żmien, bħal ma dejjem jiġri, baqgħa jiġri warajha sal-lum.

137. Filwaqt li l-Prosekuzzjoni tistrieħ l-iżjed fuq il-verżjoni ta' Richard Attard biex timplika lill-akkużata fil-parteċipazzjoni fil-kommissjoni tar-reati de quo, l-akkużata tistrieħ iżjed fuq il-verżjoni ta' Chalie Brincat l-iżjed favorevoli għat-teżi tagħha. Biss anke jekk din il-Qorti kellha taqbel mal-akkużata li f'ċerti aspetti tax-xiehda tiegħu Richard Attard jista' ma jitwemminx, mill-banda l-oħra hemm diversi aspetti tax-xiehda ta' Chalie Brincat li l-anqas jistgħu jitwemnu. Apparti minn hekk wieħed irid jara sewwasew liema parti mill-verżjoni ta' Chalie Brincat tista' titwemmen. Meta tqis kollox din il-Qorti rat li Chalie Brincat u Richard Attard fl-aħħar mill-aħħar jaqblu fuq punt kruċjali bejniethom – li huwa kontestat mill-akkużata. Kemm Chalie Brincat kif ukoll Richard Attard jaqblu li d-diskors li sar fil-karozza wara li t-tlieta li huma telqu minn Mount Carmel kien dwar kif sejrin it-tlieta li huma jieħdu d-droga. Chalie Brincat jgħid dan ċar meta xehed quddiem din il-Qorti fis-sens li d-diskors li sar fil-vettura kien li t-tlieta li huma se jieħdu d-droga. Kien Chalie Brincat li ħareġ bl-idea li jsiru s-serqiet iżda l-flus li kellhom jinsterqu kellhom jiġu wżati biex tinxtara d-droga għat-tlieta li huma

u mhux għal tnejn jew wieħed biss.  Dan huwa dak li xehed Chalie Brincat.

138. Chalie Brincat jnaqqas l-importanza tar-rwol li setgħa kellha l-akkużata f'dawn is-serqiet li kellhom isiru biex ikunu jistgħu jixtru d-droga għat-tlieta li huma.  Fil-fatt huwa jgħid li fil-karozza waqt li Richard Attard kien qiegħed isuq, bdew jitkelmu kif se jakkwistaw xi ħaġa biex ikunu jistgħu jieħdu d-droga.  Bdew jitkelmu fil-karozza t-tlieta li huma, għalkemm l-iżjed li tkelmu kienu Chalie Brincat u Richard Attard.   Il-pjan kien li jisirqu xi ħaġa biex jakkwistaw id-droga, iżda għall-bidu ma kellhomx pjan speċifiku għar-reat li kellhom jagħmlu.  Chalie Brincat jgħid li iktar hu u Richard Attard kienu qed jitkelmu dwar dan.  Huma ma kellhomx flus fuqhom u l-idea kienu ħarġu biha Chalie Brincat u Richard Attard. Apparti minn hekk Chalie Brincat niżel jixtri flixkun inbid, li – għalkemm huwa ma jgħidx hekk – jirriżulta li huwa qasam ma' l-akkużata wkoll.  Iġifieri anke l-akkużata xorbot l-inbid, ftit wara l-1600. Għalkemm skont Chalie Brincat, Bernice Camilleri ma qalet xejn, jew jekk qalet xi ħaġa ma semagħhiex, huwa jgħid ċar li d-diskors li sar fil-karozza kien li t-tlieta li huma se jieħdu mid-droga; apparti l-fatt li id-droga riedu jixtruha bil-flus li kienu se jakkwistaw mis-serq li kienu qed jippjanaw Chalie Brincat u Richard Attard.  Ħareġ ukoll mill-provi prodotti li Richard Attard u Bernice Camilleri ma kellhomx wisq flus.

139. Chalie Brincat jgħid li l-akkużata marret magħhom għax kienet l-għarusa ta' Richard Attard.  Jirriżulta li Bernice Camilleri baqgħet magħhom mill-bidu sal-aħħar fil-vettura misjuqa minn Richard Attard.  Ma jirriżultax li hija minn naħa tagħha għamlet jew qagħdet xi pass lura jew b'xi mod pruvat tikkonvinċihom biex ma jwetqux dan il-pjan biex isir dan is-serq.  Chalie Brincat jinsisti li dan il-pjan tas-serqa kien biex tinxtara d-droga għat-tlieta li huma u dan kien ċar f'moħħ kull min kien f'dik il-karozza.

140. Matul ix-xiehda tiegħu quddiem il-Maġistrat Montebello Chalie Brincat f'mument minnhom jgħid li kien hemm argument meta jgħid li Richard Attard u Bernice Camilleri "naħseb li ma riedux, mhux naħseb – ma riedux" li jagħmel is-serq.  Iżda imbagħad meta saret referenza mill-Prosekuzzjoni għall-istqarrija li huwa kien ta lil Pulizija, li tinsab f'paġna 64 tal-atti huwa jżid jgħid li ma jafx għaliex f'dan l-istatement kien qal li Bernice Camilleri kienet qablet kollox magħhom, iżda forsi kien qal hekk għax forsi riedet tieħu d-droga magħhom u forsi għalhekk qablet magħhom.  Peress

li kien daħal iż-żmien ma kienx jiftakar kollox, iżda jaħseb li Bernice kienet qablet ma kollox.

141. Fil-fatt f'dan l-istatement li kien irrilaxxja lill-Pulizija, fil-kuntest li kien qiegħed jispjega x'ġara hekk kif Richard Attard u Bernice Camilleri waslu għalih bil-karozza misjuqa minn Richard Attard, Chalie Brincat jgħid li :

> Ahna konna sejrin dawra bil-karozza u jien waqaft nixtri l-inbid minn hanut li ma nafx x'ismu pero qieghed go H'Attard u bdejt nixrob fil-karozza flimkien ma Bernice. Waqt li konna fil-karozza, it-tlieta li ahna bdejna nitkelmu li ma kellniex flus u ddecidejna li nisirqu basket lil xi hadd. L-ideja kienet tieghi u ta' Richard iżda Bernice qablet maghna. Qadna nduru fit-toroq sabiex naraw jekk ninzertawx lil xi hadd ghaddej b'xi handbag u hin minnhom wasalna tas-Sliema fil-post fejn urejtkom dalghodu u jekk inzertajna xiha li kienet ghaddejja fuq il-bankina. Jien inzilt mill-karozza u Richard dar fi triq ohra u qaghad jistenna hemm flimkien ma Bernice. Jien htaft il-basket ta' din ix-xiha u tlaqt nigri lejn il-karozza. Imbaghad irkibt u tlaqna minn fuq il-post.

142. Din is-silta mill-istqarrija ta' Chalie Brincat, meħuda fit-18 ta' Diċembru 2010, u li del resto ma ġietx miċħuda minnu meta xehed quddiem din il-Qorti, ma tħalli ebda spazju għall-immaġinazzjoni dwar dak li skont Chalie Brincat, Bernice Camilleri qablet magħhom dwaru. Sa dak il-punt tal-istqarrija tiegħu Chalie Brincat ma kienx għadu beda jitkellem dwar ir-raġuni għaliex huma riedu li jagħmlu dak is-serq. Huwa kien għadu qiegħed jitkellem dwar il-pjan li faslu hu u Richard Attard biex issir xi serqa biex huma jakkwistaw il-flus. Skont Chalie Brincat, Bernice Camilleri qablet magħhom fuq dak li kienu qegħdin jitkellmu f'dak il-kuntest. X'użu kien se jsir minn dawk il-flus imbagħad jitkellem dwaru iżjed tard fl-istqarrija tiegħu.

143. Dan ifisser li anke skont l-iżjed xhud ritenut attendibbli mill-akkużata stess, huwa xorta waħda jqegħdha mhux biss fuq ix-xena tad-delitt riekba fil-karozza miegħu u mas-sewwieq, iżda jqegħdha hemmhekk f'kuntest fejn hija kienet qablet mal-pjan tagħhom li jwetqu dak is-serq. Anke jekk hija la saqet il-karozza u l-anqas niżlet mill-karozza biex tisraq, il-fatt li hija tagħthom il-kunses tagħha sabiex ikunu jistgħu jwettqu dan is-serq, huwa biżżejjed biex jista' jirrendiha kompliċi fis-serq illi sussegwentement sar f'dan il-każ. Dak il-kunsens minnu nnifsu kien importanti biex isaħħaħ id-determinazzjoni ta' min fassal il-pjan tas-serq biex ikun jista' jwetqu in kwantu jaf li se jkollu l-appoġġ ta' kull min kien jinsab f'dik il-vettura, jekk u meta jkun il-waqt u jinqala' l-bżonn. Għalkemm

mhux daqstant ko-awtriċi fis-serq, din id-deposizzjoni ta' Chalie Brincat tpoġġi lill-akkużata fil-kapaċita ta' kompliċi miegħu fit-twettieq tas-serq li sussegwentement għamel.

144. Il-Prosekuzzjoni pero tmur oltre minn hekk u ssaħħaħ din il-verżjoni bix-xiehda ta' Ricahrd Attard. Kjarament ix-xiehda ta' Richard Attard hija iżjed inċiżiva u komprometttenti għall-akkużata inkwantu mhux biss jgħid li hija qablet mal-pjan li fassal Chalie Brincat talli jagħti deskrizzjoni iżjed vivaċi tal-parteċipazzjoni attiva tagħha matul il-kors ta' dawn is-serqiet billi anke indikat lil xi nisa partikolari li setgħu jkunu fil-mira ta' Chalie Brincat biex ikun jista' jisraqhom. Din id-deposizzjoni ta' Richard Attard, jekk titwemmen, issaħħaħ dak li kien stqarr Chalie Brincat fl-istqarrija tiegħu imsemmija iżjed il-fuq li, kif ingħad, ma ġietx miċħuda minnu quddiem din il-Qorti.

145. Minbarra dan jirriżulta pruvat soddisfaċentement li l-akkużata baqgħet ma' Richard Attard u Chalie Brincat sal-aħħar, sakemm Richard Attard reġgħa saq lil Chalie Brincat lura lejn Monte Carmeli. Iżjed minn hekk, hu pruvat soddisfaċentement li Bernice Camilleri ħadet ukoll minn dik id-droga li kienet ġiet akkwistata bil-proventi tal-ewwel serqa. Iġifieri hija ipparteċipat ukoll fil-qsim ta' dak li ġie akkwistat frott tas-serqa li kienet saret lil Rose Garroni. Mill-banda l-oħra, l-akkużata kienet ipparteċipat ukoll fis-serqa li saret lil Marija Cassar, billi baqgħet fil-vettura ma Richard Attard u Chalie Brincat anke meta reġgħu marru lura lejn Tas-Sliema sabiex jikkommettu t-tieni serqa. Hija għalhekk kienet ukoll spalla ma spalla magħhom fil-kommissjoni ta' din it-tieni serqa, li skont dak mistqarr minn Chalie Brincat fl-istqarrija tiegħu, kienet parti minn dak il-pjan li qablet miegħu Bernice Camilleri. Biss jirriżulta wkoll sodisfaċentement pruvat li Bernice Camilleri ma ħaditx mid-droga li ġiet mixtrija mill-proventi tat-tieni serqa. Dan il-fatt juri wkoll li meta hija riedet tieħu d-droga kokajina ħaditha. Iżda juri wkoll li meta ma riedetx tieħu iżjed, ma ħadetx.

146. B'hekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-akkużata irrendiet ruħha kompliċi ma' Chalie Brincat u Richard Attard fit-twettieq ta' dawn is-serqiet imsemmija fit-tieni u fir-raba' kapi tal-att tal-akkuża.

147. L-Avukat Ġenerali jakkuża lill-akkużata b'dawn is-serqiet kif kwalifikati bil-vjolenza (kemm dik numerika u dik naxxenti minn offiża gravi li segwiet bil-mewt ta' Rose Garrone fit-tieni kap; kif

ukoll dik numerika u dik naxxenti minn offiża ħafifa fuq il-persuna ta' Marija Cassar fir-raba' kap) kif ukoll bil-ħin.

148. Ma jirriżultax li hemm kontestazzjoni dwar il-kwalifika tal-ħin. Jirriżulta minn prova indipendenti ta' Svetlana Caruana, rappreżentanti tal-Met Office tal-MIA li x-xemx fit-8 ta' Diċembru 2010 niżlet fil-ħamsa neqsin tnax il-minuta ta' wara nofsinhar (1648). L-ewwel serqa saret għall-ħabta tal-1848. Din il-kwalifika għalhekk hija ben pruvata.

149. Mill-banda l-oħra mill-provi jirriżulta li l-ftehim li kien sar bejn Chalie Brincat u Richard Attard u fejn allura Bernice Camilleri qablet magħhom kien li jinsterqu xi handbags ta' xi nisa li jkunu għaddejjin fit-triq. Din il-Qorti taqbel mal-Prosekuzzjoni li r-reat ta' serq fuq persuni anzjani huwa partikolarment kondannabbli. U huwa minnu wkoll li dawn il-persuni jaqgħu fil-mira ta' ħallelin minħabba li l-kundizzjoni fiżika tagħhom ma tkunx għadha daqshekk tajba huma ma jkunux jistgħu joffru reżistenza lil ħalliel li jisraqhom. U huwa għalhekk ukoll li l-Liġi Maltija tippreskrivi żieda fil-piena sostanzjali meta s-serq kommess bil-vjolenza jsir fuq persuni li jkunu għalqu l-eta ta' sittin sena. Iżda mill-banda l-oħra ma jfissirx li għax persuna tkun anzjana allura l-element tal-vjolenza ma jkunx meħtieġ li jiġi pruvat mill-Prosekuzzjoni. Fil-fatt mill-provi prodotti f'dan il-każ ma jirriżultax li l-ftehim bejn it-tliet konsoċjati f'dan il-każ kien li jinsterqu xjuh akkost ta' kollox, bi kwalunkwe mod u minkejja kwalunkwe konsegwenza. L-anqas ma jista' jingħad li l-fatt sempliċi li tiġi misruqa persuna anzjana allura awtomatikament il-ħalliel irid juża vjolenza fiżika kontra tagħha biex jisraqha.

150. Huwa minnu li r-reat ta' "snatch and grab" jimplika azzjoni li biha l-ħalliel irid fiżikament jieħu minn fuq il-persuna tal-vitma tiegħu xi oġġett partikolari. Iżda mhux kull "snatch and grab" neċessarjament iwassal awtomatikament għal offiża fil-moħħ jew fuq il-persuna tad-derubat – anke jekk bosta drabi hekk jagħmel. Żgur li mhux kull snatch and grab jissarraf fi vjolenza tali li jwassal li persuna anzjana tiġi aggredita, imbuttata jew imsabta ma' żoklatura jew mal-art bil-konsegwenza li titlef ħajjitha.

151. F'dan il-każ, il-Qorti jidhrilha li, b'riferenza għal Bernice Camilleri, ma hemmx prova li turi li hija qablet ma' Richard Attard jew Chalie Brincat li huma jew xi ħadd minnhom iwettaq is-serq tal-handbag ta' xi vitma b'mod li jweġġgħa jew iwassal għall-mewt ta'

dik il-vitma. Il-provi juru li għalkemm Bernice Camilleri qablet mal-pjan li jinsterqu handbags ta' xi nisa li jisfaw vittmi tas-serq li kienu bi ħsiebhom jagħmlu, mill-banda l-oħra ebda prova ma turi li hija qablet mal-modalita li Chalie Brincat jagħżel li jwettaq biex ikun jista' jieħu l-handbag ta' Rose Garrone.

152. Għalkemm Bernice Camilleri tiġi li ħadet sehem fid-delitt kommess minn Chalie Brincat fuq Rose Garrone fil-kwalita ta' kompliċi kif spjegat iżjed il-fuq, mill-banda l-oħra, il-mod kif Chalie Brincat wettaq is-serqa fuq il-persuna ta' Rose Garrone kien tali li għamel dak ir-reat ta' serq li kienet qablet miegħu Bernice Camilleri iżjed gravi. Issa din il-modalita li tagħmel ir-reat tas-serq iżjed gravi hija imputabbli biss lil Chalie Brincat li għamel fiżikament dak l-att tal-akbar stmerrija fuq l-imsejkna Rose Garrone, kif ukoll fuq il-persuna tal-awtur jew tal-kompliċi li jkun jaf bl-att tiegħu minn qabel ma jkun sar dak l-att kif ukoll lill-awtur jew kompliċi, li għad li kien jaf bl-att fil-waqt li jkun qiegħed isir, u għad li kien jista' jimpedih, ħallih isir.

153. Issa f'dan il-każ, ġie pruvat li Bernice Camilleri qablet li Chalie Brincat iwettaq is-serqa tal-handbag minn fuq il-persuna ta Rose Garrone iżda ma ġiex pruvat li Bernice Camilleri kienet taf bl-att vjolenti ta' Chalie Brincat minn qabel ma dan wetqu jew li għad li kienet taf bl-att li kien qiegħed iwettaq Chalie Brincat fil-waqt li jkun qiegħed isir, u għad li kienet tista' timpedih, ħallietu jsir. Anzi ġie pruvat li f'dan il-każ Bernice Camilleri kienet riekba fil-karozza misjuqa minn Richard Attard li wara li niżżel lil Chalie Brincat biex jisraq il-handbag ta' Rose Garrone baqa' jsuq għal distanza twila minn fejn Chalie Brincat kien qiegħed iwettaq is-serqa tal-handbag minn fuq Rose Garrone. B'hekk Bernice Camilleri filwaqt li ma hemmx prova li hija qablet li Chalie Brincat iwettaq dik is-serqa bi vjolenza liema bħala kontra l-vitta, ma setgħetx tkun f'qagħda li tkun taf kif u b'liema modalita vjolenti Chalie Brincat kien qiegħed jisraq il-handbag ta' Rose Garrone u wisq anqas allura ma setgħet kienet taf bl-att li kien qiegħed iwettaq Chalie Brincat fil-waqt li jkun qiegħed isir, u għad li kienet tista' timpedih, ħallietu jsir.

154. L-istess argument jista' jinġieb fil-konfront tal-każ ta' Marija Cassar li, għall-grazzja t'Alla ma kienetx użata vjolenza kontra tagħha minn Chalie Brincat tant li anke hi fix-xiehda tagħha stess tgħid li ma kellhiex ġrieħi, għajr ħlief qatgħa u kellha spallitha ħassitha ftit bil-ġibda tal-handbag. L-evidenza preżentata f'dan il-

każ kienet li Bernice Camilleri qablet li jinsteraq dak il-handbag, iżda ma ġiex pruvat ukoll il-modalita li kellha tiġi użata f'dak il-każ.

155. B'hekk il-kwalifika tal-vjolenza konsegwenti offiża ta' natura gravi jew offiża ta' natura ħafifa fis-serq imsemmija fit-tieni u fir-raba' kapi tal-att tal-akkużat f'dan il-każ ma jistax titqies li hija komunikabbli wkoll fil-konfront tal-akkużata.

156. Mhux l-istess jista' jingħad għall-kwalifika tal-vjolenza numerika. Din il-kwalifika issib applikazzjoni meta meta l-ħalliel jippreżenta ruħu armat, jew meta l-ħallelin, għad li ma jkunux armati, jippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn. Din il-Qorti tqis li din il-kwalifika trid tinqara mhux biss b'riferenza għall-effett ta' dak li l-preżentata tal-ħalliel armat jew f'numru t'iżjed minn tnejn ikollu fuq il-vittma. Iżda trid tittieħed b'mod partikolari fil-kuntest tal-istat psikiku tal-ħalliel innifsu. Din il-kwalifika hija partikolarment serja in kwantu l-effett tagħha huwa dak li jsaħħaħ il-posizzjoni tal-ħalliel fil-konfront tal-vitma tiegħu, sija jekk huwa jkun armat sija jekk huwa jmur fuq il-post tas-serqa akkumpanjat f'numru ta' iżjed minn żewġ persuni. F'dan il-każ ma jirriżultax mill-provi li l-ħalliel preżenta ruħu armat. Iżda mill-banda l-oħra jirriżulta li fuq il-post fejn il-vittmi diżenjati kienu ġew identifikati f'dan il-każ Chalie Brincat ma kienx waħdu. Chalie Brincat kien akkumpanjat minn żewġ persuni oħra meta huwa wasal fuq il-post fejn kien hemm il-vittmi tiegħu. Huwa minnu li huwa kien waħdu meta mar jaħtaf il-handbags ta' Garrone u ta' Cassar. Iżda huwa daqstant ieħor minnu li l-kunfidenza tiegħu kienet imsaħħa bil-fatt li huwa kien jaf li fuq dak il-post tad-delitt ma kienx waħdu fil-kommissjoni ta' dawk is-serqiet tant li ftit metri l-bogħod kellu iżjed minn persuna waħda mhux biss wasluh fuq il-post, iżda kienu qed jistennewħ fil-vettura li kienet qed tistennieh biex biha jaħrab minn fuq il-post. Kien jaf li jekk kellu bżonn l-għajnuna kien hemm tnejn minn nies oħra li setgħa jafda fihom. U dan il-fatt kien biżżejjed biex isaħħaħlu l-kuraġġ u d-determinazzjoni li jwettaq ir-reat f'dak il-post fejn wetqu.

157. F'dan is-sens għalhekk il-kwalifika tal-vjolenza numerika tissussti kemm fit-tieni kif ukoll fir-raba kapi tal-att tal-akkuża.

158. Illi kwantu għas-sitt kap tal-att tal-akkuża, ma ġiex kontestat mill-akkużata li dakinhar tat-8 ta' Diċembru 2010 hija kkunsmat id-droga kokajina mixtrija bil-proventi tas-serqa li saret lil Rose Garrone.

159. Issa d-Difiża targumenta li l-akkużata ma tistax tinsab ħatja ta' dan il-kap in kwantu din il-Qorti ma għandhiex setgħa li tiddeċidieh. A fol 8 tal-atti jirriżulta li l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ossija il-"Fiat" maħruġ minnu fis-sensi tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kien li l-proċedura kontra l-akkużata titmexxa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Hija din l-ordni mogħtija mill-Avukat Ġenerali li tiddetermina s-setgħa tal-Qorti li tisma' u tiddeċiedi l-kawża u f'dan il-każ, l-Avukat Ġenerali għażel li jiddetermina lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali bħala dik li kellha s-setgħa tisma' u tiddeċiedi dan il-każ.

160. Minbarra dan, għalkemm ir-reat imsemmi fis-sitt kap t'akkuża f'dan il-każ, kien jaqa' taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta in-natura tar-reat kontestat illum il-ġurnata huwa regolat ukoll bid-disposizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u li jistabbilixxi li proċeduralment il-meritu tal-każ ta' droga bħal dak in disamina huwa ta' kompetenza tat-Tribunal imwaqqaf taħt dik il-Liġi u mhux il-Qorti Kriminali.

161. Din il-Qorti ma taqbilx ma din il-linja ta' ħsieb u interpretazzjoni tal-Liġi. Huwa minnu li l-ordni tal-Avukat Ġenerali skont l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ordinarjament tistrada quddiem liema Qorti jkollhom jittieħdu l-proċeduri kriminali kontra persuna li tkun kisret id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda din l-ordni trid ukoll tinqara fid-dawl tal-liġi proċedurali ordinarja. F'dan il-każ, għalkemm kien ikun aħjar li l-Avukat Ġenerali joħroġ l-ordni tiegħu biex l-akkużata tiġi proċessata quddiem din il-Qorti, ma jfissirx li għax dik l-ordni ma saretx għal quddiem din il-Qorti, allura din il-Qorti ma tistax tiġġudika lill-akkużata bir-reat kontemplat taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan peress li t-tip ta' reat li jikser id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta f'dan il-każ, li kieku ma kienx konness ma reat li jġorru piena li tiżboq il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li allura huma proċedibbli quddiem din il-Qorti, kien legalment u raġonevolment jiġi proċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Iżda ġaladarba dak ir-reat huwa tali li, għalkemm ta' kompetenza inferjuri, inġieb quddiem din il-Qorti għaliex kien konness mar-reat aktar gravi miġjub fl-att tal-akkuża għax magħmul mill-istess persuna akkużata bir-reat iżjed gravi. B'hekk hija l-Liġi ordinarja stess li tagħti din is-setgħa lil din il-Qorti li tiddeċiedi dan il-każ.

162. B’hekk din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni pruvat il-fatti imsemmija fis-sitt kap tal-att tal-akkuża.

**Il-verdett ta’ din il-Qorti : -**

**It-Tieni Kap tal-Att t’Akkuża**

Għaldaqstant il-Qorti qegħda ssib lill-akkużata ħatja skont it-Tieni Kap tal-Att t’Akkuża fis-sens li ssib lil Bernice Camilleri mhux ħatja bħala awtriċi iżda ħatja bħala kompliċi fis-serq ta’ diversi oġġetti mobbli mingħand Rose Garrone liema serqa hija kwalifikata bil-vjolenza numerika u bil-ħin;

**Ir-Raba’ Kap tal-Att t’Akkuża**

Għaldaqstant il-Qorti qegħda ssib lill-akkużata ħatja skont ir-Raba’ Kap tal-Att t’Akkuża fis-sens li ssib lil Bernice Camilleri mhux ħatja bħala awtriċi iżda ħatja bħala kompliċi fis-serq ta’ diversi oġġetti mobbli mingħand Marija Cassar liema serqa hija kwalifikata bil-vjolenza numerika u bil-ħin;

**Is-Sitt Kap tal-Att t’Akkuża**

Għaldaqstant il-Qorti qegħda ssib lill-akkużata ħatja skont is-Sitt Kap tal-Att t’Akkuża fis-sens illi kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina meta ma kienitx fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienitx bil-liċenza jew xort’ oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni id-droga msemmija, u ma kienitx b’xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienitx awtorizzata bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx

fornita lilha għall-użu tagħha skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Għaldaqstant, wara l-qari ta' dan il-verdett, il-Qorti għaddiet sabiex twettaq dak imsemmi mill-artikolu 490 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali qabel ma tgħaddi għas-sentenza tagħha in segwitu għas-sejbien ta' ħtija kif spjegat iżjed il-fuq.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-Abbli Avukat Prosekutur Dr. Anthony Vella li in suċċint huma s-segwenti:

1. Dan il-każ irid jitqies li kien Chalie Brincat li tkellem u kixef l-involviment ta' Bernice Camilleri. Minn naħa tagħha Bernice Camilleri kienet tibqa' siekta u li kieku ma tkellimx Chalie Brincat ġustizzja ma kienetx tista ssir.

2. Il-vitmi jridu jittieħdu in konsiderazzjoni. Marija Cassar ġiet trawmatizzata għal ħafna żmien filwaqt li Rosina Garrone tilfet ħajjitha. L-ironija hija li hija tilfet ħajjitha minħabba li azzjoni ta' persuni li jbagħtu mill-vizzju tad-droga.

3. Bernice Camilleri pruvat tostor l-involviment tagħha f'dan il-każ.

4. Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Antoine Grima u omissis** il-Qorti qalet li l-pieni għandhom l-iskop ta' deterrent u li l-vjolenza fiżika għandha ġġib il-piena b'effett immedjat iżda li meta din il-vjolenza tkun diretta lejn persuni anzjani għandha tkun penalizzata iżjed. Il-leġislatur irid jipproteġi lil dawn in-nies mill-abbuż. Dawn in-nies ġew misruqa bi vjolenza. Rose Garrone tilfet ħajjitha.

5. In vista tal-verdett u sejbien ta' ħtija ta' Bernice Camilleri fil-modalita kif spjegata mill-Qorti il-Prosekuzzjoni għall-fini ta' piena tara li l-Qorti għandha tmur għall-massimu tal-gradi imsemmija filwaqt li l-piena ma tkunx fil-minimum in linea mal-ġurisprudenza tal-Qorti li għandha tkun priġunerija effettiva u iżjed severa minn dak li jingħata f'dawn il-każijiet.

6. Bħala konsegwenza tas-sejbien tal-ħtija talbu wkoll il-ħlas tal-ispejjeż peritali.

Semgħet it-talba tad-Difiża sabiex biss għall-fini tal-ikkalibrar tal-piena tisma’ x-xiehda ta’ Angelo Camilleri, missier il-ħatja. Rat li l-Avukat Ġenerali ma opponietx għal din it-talba.

Semgħet ix-xiehda ta’ Angelo Camilleri li qal li jiġi missier Bernice Camilleri. Dan joqgħod il-Qawra, iżda kien joqgħod Birkirkara. Richard Attard ma kienx joqgħod il-bogħod minnu u Bernice Camilleri kienet bdiet titkellem ma Ricahrd Attard. Il-ġirien qalulu li dan kien jisraq u jieħu d-drogi. Hi kienet tmur iċ-Ċentru. Staqsiha jekk kienetx toħroġ ma Richard Attard u qaltlu li kienet qed titkellem miegħu. Minn hemm bdew jidħlu ħafna kunfidenza. Imbagħad huma ma rieduhx għax kienet qed tkun miegħu anke fil-karozza. Darba kellha mobile fuqha u qaltlu li tahulha Richard Attard. Ix-xhud mar taħ lil Richard Attard u qallu biex jieħdu u wkoll li hu ma kellux pjeċir bih. Għall-ewwel niżel missieru. Missieru qallu biex ma jkellimhiex lil Bernice Camilleri.

Minn hemm darba oħra kienu qabdu lil Richard Attard li kien daħal fil-proprjeta tiegħu f’xi s-sagħtejn jew tlieta ta’ filgħodu. Sadattant dan ħarab jiġri mill-ewwel. Kellu balaklava. Ix-xhud ċempel lil Pulizija u x-xhud qallu li kien għarfu. Il-balaklava kienet mal-art. Martu qaltlu li kienu għarfuh lil Richard Attard. Beda b’ħafna paroli u qallu li lil Bernice Camilleri jekk ma jeħhodhiex hu ma jeħodha qatt. Beda jagħmillu ħafna affarijiet u ħsara. Kien ħassu veru ħażin u beda jdaħħal ħsibijiet ħżiena f’moħħu u martu qaltlu li jekk joqtol lil Richard Attard kien jispiċċa biex joqtol lilha. Kien grazzi għal martu li ma kienx għamel dak id-delitt. Spiċċa biex biegħ id-dar tiegħu.

Fil-konfront ta’ Berncie Camilleri kienu għamlu wkoll minn kollox biex hi ma tibqax miegħu. Darba kienet marret iz-zija tal-mara tiegħu u qaltilha biex tmur taqbad it-tifla minn xagharha u ġġibha lil hawn għax kienet rat lil Richard Attard jiġbidha minn xagharha. Berncie Camilleri kienet tħobbu lil Richard Attard. Hu u martu qafluha l-Fejda biex żgur teħles minnu. Richard Attard kien jużaha lilha. Dan raha żgħira. Hu kien makakk għax kellu fuq l-għoxrin. Ix-xhud kien imur anke għand il-Pulizija li kien jismu Kevin li kien jgħinu biex ibiegħed lil Richard Attard minn bintu.

Imbagħad Bernice Camilleri qabdet ma ġuvni li kien jismu OMISSIS1. Kien raġel mill-aħjar. Kien hemm kwistjonijiet imma kien iġiblu rispett. Bernice għandha tifla jisimha OMISSIS2. Meta kienet għadha tqila, huwa

żamm lil Bernice Camilleri għandhom sakemm tixtri u ried li jżommha miegħu anke sa sena wara biex tazzetta. Huwa stess kien għinhom billi krielhom flat Marsascala. Kienu tajjeb flimkien. Sadattant Berncie Camilleri baqgħet hemm. Meta OMISSIS2 kellha xi tliet snin, ħabiba ta' Bernice Camilleri kienet rat lil Richard Attard ikellem lil Bernice Camilleri. Din marret tgħidilhom. Ix-xhud mar kellem lil Berncie Camilleri u qallha li semgħa li Bernice Camilleri kienet qed tkellem lil Richard Attard. Qallha li dan se terġa tibda miegħu. Bernice Camilleri qaltlu li Richard Attard rabba l-għaqal. Ix-xhud qallha li lil dak ma temnux u li huwa bniedem li jigdeb u li għamel ħafna ħsara u li jekk se tibqa miegħu kellha tgħidlu. Bernice Camileri qaltlu ħa tara kif kellha tibqa' miegħu. Ix-xhud ċempel lil OMISSIS1 u staqsieh meta kien se jara lil OMISSIS2 u x-xhud qallu biex lil Bernice Camilleri ma jerġax ittiha lura lil OMISSIS2 għax Bernice Camilleri kienet reġgħet bdiet tkellem lil Richard Attard. Richard Attard mhux biss lil Bernice Camilleri abbuża.

F'dak iż-żmien Richard Attard l-anqas kien iħalliha tħares lejn ħutha. Darba minnhom bintu l-oħra OMISSIS3 qaltlu hi stess li ma tistax titkellem m'oħtha. Dak iż-żmien ma kienux jitkelmu ma' Bernice Camilleri u kienu qatgħawha.

Meta Bernice Camilleri marret il-ħabs, hu għamel żmien ma jkellimhiex. Kien hemm maġġur u mar iħabbatlu l-bieb u qallu li Bernice Camilleri xtaqet li tkellimhom. Mar biex ikellimha l-Ħabs. Ix-xhud staqsiha kif se tagħmel. Bernice Camilleri qaltlu li tgħalmet Richard Attard x'kien. Qallha jekk kienetx lesta li taqta darba għal dejjem u qaltlu li kienet lesta li ma tħarisx lejh. Fil-fatt ix-xhud kien ħalsilha l-bail.

Miż-żmien li ħarġet bil-bail sal-aħħar kuntatt li kellu magħha, Bernice Camilleri inbidlet. Xi tmien snin ilu qabdet ma partner u ried ikun jaf min hu. Dan huwa OMISSIS4 u jġiblu ħafna rispett. Meta ġiet qaltlu fuqu wara xi sitt xhur saqsietu jistax jidħol id-dar. Waqt li qed jitkelmu qallu li għandu problema fir-ras. Kienu jtuh xi fits u kellu xi ħaġa li tikber u jmur l-Isptar u jkollu bżonn imur l-Ingilterra biex jittrattawh. Dwar il-mediċina ta' dan OMISSIS4, kienet Bernice Camilleri li kienet teħodlu ħsieb kif jeħodhom. Dan jinsa' minħabba l-problema li għandu u hi tieħu ħsieb il-mediċina tiegħu. Bernice Camilleri bħala xogħol illum tieħu ħsieb l-annimali u l-klieb. Din tħobb ħafna lil-klieb u tagħmel kollox għall-annimali. Hi tiddedika daqshekk ħin għall-annimali minħabba li tħobbhom immens. Kien hemm mara anzjana li marditilha l-kelba u marret għand il-VET u qaltilha li kien se jkollha traqqad il-kelb għax ma

għandhiex flus biex tfejjaq il-kelb. Bernice Camilleri bdiet tiġbor il-flus biex din il-kelba tfejjaqha. Għall-annimali tagħmel kollox. Bernice Camilleri hija persuna differenti ħafna minn qabel. Hi verament tħobb. Dawn l-aħħar jiem li ma setgħetx iċċempel u OMISSIS4 jibda jinsa kif jieħu l-pilloli. Hi tieħu ħsiebu. Hu jaf tiġi ġurnata u jista' jinsa. Hi tadurah. Dan almenu ma jsawwathiex. Hu kien jaf li jsawwatha. Richard Attard kien perikoluż. Darba minnhom kien qallu li miegħek qegħda.

In kontro-eżami qal li għall-bidu kien joqgħod Birkirkara u miegħu kienu jgħixu martu u ibnu OMISSIS5. Ma jiftakarx kemm hemm żmien bejn Bernice Camilleri u OMISSIS5. OMISSIS5 jagħlaq żmienu fl-14 ta' Ġunju. Jaħseb li għandu xi 40 sena. Lil OMISSIS5 ilu ma jarah xi sena. Meta kienu jgħixu Birkirkara, OMISSIS5 kien jgħix magħhom. Kellu tifla oħra OMISSIS3. Kienet miżżewġa lil Chalie Brincat. Chalie Brincat kien aggressiv magħha u kien jixrob. Dawn kellhom jidħlu huma għaliha u żammewha għandhom. Darba minnhom Chalie Brincat mar jattakkahom bis-sikkina. OMISSIS3 twieldet fil-1981. OMISSIS5 twieled sena wara fl-1982. Bernice Camilleri twieldet fl-1989. Hemm differenza ta' 7 snin bejn OMISSIS3 u Berncie Camilleri. Bejn Richard Attard u Bernice Camilleri kien hemm differenza ta' hi 13 u hu kellu 22. Richard Attard kien weħel il-ħabs ukoll. OMISSIS5 u Richard Attard kienu jitkelmu.

Minn mindu kienu joqgħodu B'Kara, il-biża tal-mara tiegħu kienet kbira għax kien daħal għandhom u dan kollu minħabba l-biża għadha tieħu l-pilloli. Meta jisimgħu li joħroġ jibdew jaraw li jagħlqu l-bieb. Minħabba fih ma jistgħux jgħixu fil-paċi. Dawn kienu imbeżżża' minnu. Biex biegħ dak il-post kien aċċetta l-ewwel offerta li tawh.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Avukat Difensur Dr. Arthur Azzopardi dwar il-piena li għandha tiġi inflitta, li in suċċint huma s-segwenti:

1. Dwar is-sitt kap tal-att tal-akkuża stqarr li dan huwa pussess sempliċi bħal ma ġie dikjarat mill-Qorti u allura kif qal l-Uffiċjal Prosekutur il-piena għandha tkun il-piena taħt l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Il-punt ta' diverġenza mal-Prosekuturi huwa dwar iż-żieda b'żewġ gradi. F'dan il-każ saħaq li l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed. Dan peress li meta jiġi mwieżen dak li rriżulta mill-att proċesswali, il-Qorti trid tqis jekk il-ħatja jew familtha humiex

qegħdin iġarbu dannu. F'dan il-każ, ma hemmx dubju li se jibqa' għal dejjem joħloq trawma lil familjari ta' Rose Garrone u Marija Cassar. Izda tort ta' dak li għamlet ma Richard Attard, anke l-mod ta' kif Richard Attard jimmanipola n-nies, il-familja Camilleri spiċċat f'din is-sitwazzjoni.

3. F'dan il-każ, il-verdett tal-Qorti juri li l-kontestazzjoni tal-akbar akkuża ta' Camilleri ma kienetx kapriċċuża. Kienet kontestazzjoni bażata fuq konsiderazzjoni tad-differenza bejn il-verdett u l-Avukat Ġenerli. Il-verdett ma jistax jirrispekkja dak li kien qed jipprospetta l-Avukat Ġenerali. Din ma kienetx proċedura fil-Qorti intiża li taħli l-ħin. F'dan il-każ hemm prova ċara ta xiex wassal biex dan il-każ jiġi kontestat issa. Iżda mill-atti jirriżulta li kien hemm ping pong minn Richard Attard, dieħel u ħiereġ il-Ħabs sa ftit ġimgħat qabel is-sentenza tiegħu. Dak il-ping pong wassal għal eżerċizzju ta' ħela ta' snin sa ċertu punt anke minn Chalie Brincat. U sakemm dawn aċċettaw ħtijiethom u waslu għal patteġġjament, il-proċedura kontra Bernice Camilleri kienet ġiet stultifikata minħabba l-kwistjoni tal-istqarrija. It-telf ta' ħin ma ġiex minn naħa tagħha jew mill-Prosekuzzjoni. Minħabba li ġew akkużati flimkien seħħ dan id-dewmien. Id-dewmien mhux attribwibbli lil ħati jrid jiġi rifless fil-piena.

4. L-istennija tal-ħaqq taffettwa wkoll lill-ħati waqt li taffettwa l-parte civile. Id-dewmien attribwibbli lil Richard Attard qed ibgħatuh Bernice Camilleri u l-parte civile.

5. Filwaqt li bniedem ħati jrid jieħu l-ħaqq, mill-banda l-oħra il-ħati jrid jingħata l-possibilita ta' "window of opportunity" kwantu ta' piena. F'din is-sitwazzjoni il-prova medika ta' Roderick Grech Spagnol li semma' x-xhud, kienet din il-Qorti li awtorizzata sabiex issiefer biex takkumpanjah għall-appuntamenti mediċi tiegħu.

6. Il-fedina penali aġġornata mill-ispettur Xuereb ta' nhar it-Tlieta turi li l-mument li Bernice Camilleri ma baqgħetx f'kuntatt ma Richard Attard ma kellhiex sejbien ta' ħtija waħda. Altrimenti s-sejbien ta' ħtija kienu parteċipazzjoni f'reati ma Richard Attard li juri kemm dan ir-raġel kien jiddominaha.

7. Hemm iżjed li jimmilita favur tagħha biex ikun miżjud bi grad wieħed u viċin għall-minimum. Mhux faċli li wara dawn is-snin

kollha issa tiġi rinfaċċjata b'din is-sitwazzjoni. Mill-banda l-oħra l-anqas ma għandha tintuża Bernice Camilleri biex jitwassal messaġġ lis-soċjeta. Min kien ħati tal-vjolenza li ġarbu Garrone u Cassar kien ġie stabbilit li kienu Chalie Brincat u Richard Attard.

8. Il-piena bejn Bernice Camilleri, Richard Attard u Chalie Brincat trid tkun differenti in kwantu l-messaġġ il-Qrati għaddewh fis-sentenzi ta' Richard Attard u Chalie Brincat. Bernice Camilleri għandha teħel piena ta' priġunerija skont il-verdett iżda mhux tiġi imkagħbra billi tinħoloq problema agħar fis-soċjeta minħabba piena ogħla minn dak mistħoqq fiċ-ċirkostanzi. Ma għandhiex tintradam biċ-ċnagen. L-aħjar piena li l-Qorti tista' tagħti u li tkun iżjed mill-minimu u l-garanzija hija b'imposizzjoni ta' sentenza sospiża u żżid ukoll siegħat ta' xogħol fil-komunita fil-massimu. Dik tkun bilanċjali.

9. Il-ġurisprudenza applikabbli għal meta tiġi applikata vjolenza fiżika kontra persuni ma għandhiex tkun applikabbli wkoll għal meta persuna tinstab ħtija għal serq kwalifikat bil-vjolenza numerika.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-każ tqis li r-responsabbilita kriminali ta' Bernice Camilleri ma tistax titqies fuq l-istess livell ta' gravita daqs dik ta' Chalie Brincat u ta' Richard Attard. Dan qiegħed jingħad mhux biss minħabba r-raġunijiet imsemmija iżjed il-fuq u li wasslu għall-verdett ta' din il-Qorti fuq il-kapi tal-akkuża rispettivi, iżda wkoll minħabba l-fatt li l-livell tal-parteċipazzjoni tagħha kienet ta' natura differenti minn dik imwetqa minn Chalie Brincat u Richard Attard. Huwa minnu li hija qablet ma' Richard Attard u Chalie Brincat li jwetqu s-serq u huwa minnu wkoll li hija baqgħet magħhom matul dawn iż-żewġ serqiet u offrietilhom support u spalla. Iżda mill-banda l-oħra ma jistax jingħad li l-livell ta' ħtija tagħha hija komparabbli ma dik ta' Chalie Brincat u Richard Attard, la fil-preparazzjoni u l-anqas fit-twettieq ta' dawn ir-reati.

Illi b'dan ma jfissirx li ma għandhiex tagħmel tajjeb għall-fatt li kienet komparteċipi f'dawn iż-żewġ serqiet. Il-kwalifiki tal-vjolenza numerika fis-serq kommess bil-lejl kienu determinanti biex jitwetqu dawn iż-żewġ

serqiet. Il-fatt li anke hija pparteċipat fil-qsim tad-droga mal-konsoċjati l-oħra, anke jekk f'okkażjoni waħda tkompli turi li gawdiet ukoll mill-frott tas-serqa. Biss fil-fehma ta' din il-Qorti ma tistax tiġi akkollata bir-responsabbilta għall-vjolenza fiżika li Chalie Brincat għoġbu juża fuq il-vittmi tiegħu biex huwa seraq iż-żewġ handbags. Chalie Brincat ħallas għal din il-vjolenza b'sentenza ta' priġunerija iebsa wara li ammetta ħtijietu. Richard Attard għażel ukoll li jammetti għall-istess akkużi miġjuba kontra tiegħu u weħel ukoll sentenza ta' priġunerija li tirrifletti l-grad ta' responsabbilta u parteċipazzjoni tiegħu fil-ħsieb li jitwettqu d-delitti u l-kommissjoni tagħhom.

Il-posizzjoni ta' Bernice Camilleri hija differenti minn ta' dawn it-tnejn. Iżda xorta waħda kienet komparteċipi f'delitti ta' serq kwalifikat li kien ta' natura serja bil-mod kif ġie spjegat iżjed il-fuq.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-fedina penali tagħha baqgħet mhux mittiefsa mill-2012 lil hawn. Dan isaħħaħ l-argument tad-Difiża li fil-fatt Bernice Camilleri kienet għamlet sforz biex tibdel ħajjitha. Il-fedina penali ssaħħaħ dan.

Anke l-fatt li dan il-każ qiegħed jiġi deċiż iżjed minn ħdax il-sena wara l-akkadut huwa fattur li jrid jittieħed in konsiderazzjoni.

Mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li f'dan il-każ kien hemm vitmi li baqgħu trawmatizzati ukoll minħabba l-parteċipazzjoni ta' Bernice Camilleri fl-aġir illegali imwettaq f'dan il-każ. Il-konsegwenzi ta' dan ir-reat ħallew ħafna tbagħtija u wġiegħ lil nies innoċenti.

Din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tad-Difiża li timponi sentenza li tkun tqarreb lejn il-minimu u fil-forma sospiża tagħha. Fl-aħħar mill-aħħar il-ħatja ħadet sehem f'delitt ta' serq akkumpanjat bil-vjolenza fuq persuni anzjani inermi, li kif qalet il-Prosekuzzjoni jistħoqqilhom wens u protezzjoni u mhux aggressjoni u vittimizzazzjoni. Berncie Camilleri ippartеċipat f'reat kriminali fi żmien fejn ħajjitha ma kienetx tmexxiha sew. Mill-azzjonijiet tagħha bagħtiet hi, bagħtew l-egħżież tagħha, iżda fuq kollox bagħtew ukoll nies oħra innoċenti bl-azzjonijiet ħżiena u illegali li wetqet dak iż-żmien. Huwa pożittiv li l-ħatja bidlet ir-rotta ta' ħajjitha. Iżda b'dan ma jfissirx li b'daqshekk il-ħtijiet passati tagħha jistgħu jitqiesu minsija. F'soċjeta ċivili dawn l-azzjonijiet iridu jiġu mrażżna. U anke jekk ikun għadda ż-żmien minn fuqhom, min wettaqhom ikollu jaffaċċja l-konsegwenzi tagħhom.

# DECIDE

Għaldaqstant wara li rat l-artikoli 17(b), 42(d)(e), 261(a)(f), 262(1)(b)(2), 270, 276, 276A, 277(a), 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(b)(ii) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi il-Qorti qegħda tikkundanna lil ħatja Bernice CAMILLERI għall-piena ta' **erba' (4) snin priġunerija flimkien ma multa t'elf euro (€1000),** li jekk ma titħallasx fi żmien sena, tiġi kkonvertita fi priġunerija ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tikkundanna lil-ħatja sabiex tħallas is-somma ta' ħames mija u zewġ Ewro u tlett centeżmi (€502.03), rappreżentanti terz tal-ispejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali b'mod li jekk dawn l-ispejjeż ma jitħalsux fi żmien ħmistax il-jum, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-Liġi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**